IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2012

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 11 ta' Mejju 2012 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-5:45 p.m. |

***Wieġeb it-taqsimiet kollha tal-karta.***
***L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.***

## L-EWWEL TAQSIMA

**Il-Komponiment** (25 marka)

**1. Ikteb madwar 400 kelma dwar wieħed minn dawn:**

a. L-importanza tad-dixxiplina.

b. Il-biżgħat tiegħi.

ċ. Dakinhar ħassejtni se ntir bil-ferħ.

d. Inżul ix-xemx.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IT-TIENI TAQSIMA**

**Fehim it-Test**
**Aqra sewwa din is-silta.** (50 marka)

Kont smajt storja u bqajt niftakarha. Darba kien hemm żewġt irġiel impjegati jaqtgħu s-siġar ġewwa bosk. Wieħed kien jaħdem minn filgħodu sa filgħaxija bla ma jieqaf, u l-ieħor kien jistrieħ xi tliet darbiet tul il-ġurnata. Meta fl-aħħar ta' ġurnata xogħol, is-sinjur kien jgħoddilhom kemm siġar kienu qatgħu biex iħallashom akkont, kien isib li dak ir-raġel li kien jistrieħ kien jaqta' siġar aktar mill-ieħor li kien jaħdem il-ġurnata kollha bla waqfien.

Darba s-sinjur għelbitu l-kurżità, u staqsa lil tal-ewwel kif kien jirnexxilu jaqta' aktar siġar minn sieħbu avolja kien jistrieħ. "Għax barra milli kont nistrieħ," wieġbu l-ħaddiem, "waqt il-mistrieħ kont insinn il-mannara." Din hija storja li wieħed jista' jagħsar minnha tagħlima kbira. Is-serħan huwa importanti, iżda mhux biżżejjed li tieqaf mix-xogħol. Mas-serħan trid 'issinn l-għodda' – trid tiffriska l-menti tiegħek.

Ix-xogħol mingħajr waqfien jgħajjik mhux biss fiżikament, meta jkun manwali, iżda anki mentalment. U meta jkollok il-moħħ għajjien il-produttività tiegħek tonqos. Ħu minn skrivan li jeżerċita ruħu biss mentalment. Jekk jaħdem bla mistrieħ jegħja mentalment u xogħlu jibda jmajna. Dan il-fatt illum id-dinja għarfitu. Meta qabel il-ħaddiema kienu jaħdmu għal sigħat twal fil-ġimgħa, illum fid-dinja hawn il-ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol. Fil-pajjiżi l-aktar żviluppati l-ħaddiema diġà qed jaspiraw għal ġimgħa ta' 38 siegħa xogħol. Dan ifisser li aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar jiżdied il-ħin ħieles. Għalhekk irridu naħsbu biex nipprogrammaw l-attivitajiet tagħna ta' wara x-xogħol, u nibżgħu aktar għall-ambjent li fih irridu ngawdu l-ħin ħieles tagħna.

Wieħed irid jiftakar li fil-ħin ħieles wieħed jeżerċita xi namra li jkollu għal qalbu. Din isservih ta' ġid għall-istess xogħol tiegħu. Ukoll meta fil-ħin ħieles wieħed jagħmel xogħol ieħor differenti mix-xogħol li minnu jaqla' l-għajxien, avolja fiżikament ikun aktar strappazzuż. Dan fih innifsu jservih biex jiffriska l-menti tiegħu, sakemm dan ma jkunx ta' rabta kbira għall-individwu.

Illum hawn ħafna ħaddiema li wara x-xogħol tagħhom jagħmlu xogħol ieħor. Dan jagħmluh biex ilaħħqu mal-ispejjeż tal-familja. Iżda jekk dawn il-ħaddiema jkunu għaqlin li ma jintrabtux iżżejjed b'dan it-tieni xogħol tagħhom, u jżommuh limitat, u jekk jista' jkun varjat, kieku dan ix-xogħol supplimentari jservi, biex ngħid hekk, ta' passatemp. Il-bidla mill-impjieg prinċipali tiegħek taqta' l-monotonija, u għalhekk tiffriska l-moħħ. Minn dan, indirettament jivvantaġġja l-istess xogħol ewlieni. L-importanti hu, kemm għandek ħila li toħloq varjazzjoni fix-xogħol kollu li tagħmel. Ħafna drabi b'din il-varjazzjoni titħabat aktar, iżda fl-aħħar issib li tegħja anqas għax lill-moħħ il-monotonija tkiddu ħafna. Ġieli fil-ħin liberu tagħna nbatu fiżikament ferm aktar milli nbatu fix-xogħol tagħna ta' kuljum. Għalkemm forsi fiżikament inħossuna għajjenin, mentalment inħossuna friski. Dan kollu huwa riżultat tal-bidliet li nagħmlu fl-attivitajiet li aħna napplikaw ruħna fihom.

(Silta mill-esej 'Esperiment' mill-ktieb *Kassjopea* ta' Maurice Mifsud Bonnici)

**2. Mistoqsijiet** (2 marki kull mistoqsija)

**Wieġeb kull mistoqsija FI KLIEMEK. Jitnaqqsu l-marki jekk it-tweġibiet ikunu kkupjati kelma b'kelma mis-silta.**

a. Il-kittieb jibda din is-silta b'kuntrast bejn żewġ ħaddiema li jaqtgħu s-siġar. X'inhu dan il-kuntrast?

b. Liema hija t-tagħlima msemmija fit-tieni paragrafu?

ċ. X'effett ikollu n-nuqqas ta' mistrieħ fuq il-ħaddiem?

d. Minħabba dan l-effett, x'qed jiġri llum fid-dinja tax-xogħol skont l-awtur?

e. X'jissuġġerixxi l-kittieb biex wieħed jaqta' l-monotonija li jikkawża x-xogħol?

f. Għal liema raġuni l-kittieb jgħid li ma jimpurtax jekk fil-ħin ħieles tagħna nbatu fiżikament?

**3. Għarfien tal-lingwa fl-aspetti tagħha / Lessiku**

a. Fisser fi kliemek il-frażijiet b'sing taħthom skont is-sens tas-silta. (6 marki)

i. …biex iħallashom akkont…
ii. …trid tiffriska l-menti tiegħek.
iii. …jeżerċita xi namra li jkollu għal qalbu.

b. Liema kelma jew frażi fis-silta għandha din it-tifsira? (6 marki)

i. Kontinwament (minn paragrafu 1)
ii. xogħol tal-id (minn paragrafu 3)
iii. xogħol ieħor wara l-ħin (minn paragrafu 5)

**4. Lingwa u Grammatika** (18-il marka)

1. Aqleb din is-sentenza qasira fit-3 persuna plural: *Kont smajt storja u bqajt niftakarha*.
2. Nissel verb minn *produttività*.
3. Sib u ikteb parteċipju attiv mir-raba' jew ħames paragrafu.
4. Agħti l-mamma u l-għerq tal-kelma *jgħoddilhom.*
5. Mill-ħames paragrafu sib kelma sinonima ta' *namra*.
6. Nissel nom mill-verb *ingawdu*.
7. Agħti s-singular ta' *spejjeż*.
8. F'paragrafu tlieta, għal min qed jirreferi l-pronom mehmuż 'u' fil-kelma *xogħlu?*
9. Nissel 2 nomi miz-zokk morfemiku tal-kelma *varjat*.
10. Fis-silta hemm *38 siegħa xogħol*. Kieku kellek tikteb 19 minflok 38 kif tikteb il-frażi sħiħa?
(a) 19 sigħat xogħol
(b) dsatax il-siegħa xogħol
(ċ) dsatax-il siegħa xogħol
11. Sib u ikteb 2 prepożizzjonijiet bl-artiklu mehmuż magħhom mis-silta kollha.
12. Nissel aġġettiv min-nom *kurżità*.
13. Ta' liema forma hu l-verb *jintrabtux*?

**5. Aspett Simboliku**

a. Ikteb sentenza b'kull waħda minn dawn l-idjomi biex toħroġ it-tifsira tagħhom. (4 marki)

i) għaddieni biż-żmien ii) kemm Alla ħalaq

b. Fisser dawn iż-żewġt iqwiel fi kliemek: (4 marki)

i) Il-ħmar il-magħkus idur għalih id-dubbien. ii) Naħqa ta' ħmar qatt ma telgħet is-sema.

## IT-TIELET TAQSIMA

**6. Wieġeb mistoqsija WAĦDA:** (10 marki)

a. Ikteb rapport ta' madwar 100 kelma għas-surmast tal-iskola dwar inċident li ġara fil-brejk ta' nofsinhar u li fih korra / korriet wieħed / waħda minn sħabek tal-klassi.

**JEW**

b. Qassar fi kliemek din is-silta għal madwar 100 kelma. **Tikkupjax biss mis-silta.**

Kien minn dejjem u jibqa' hekk għal dejjem. Il-ħaj imut u jħalli wirt warajh li jkun ilu ġej mill-qedem. Minn għand bniedem għal ieħor, u xi drabi minn għand poplu għal ieħor, seklu wara seklu, jinżel dak il-wirt li jissejjaħ it-Tradizzjoni tal-pajjiż. Poplu kbir fil-qalb u fil-moħħ għandu tradizzjoni kbira; poplu żgħir fil-qalb u l-moħħ għandu tradizzjoni żgħira – kulħadd talli hu.

Iż-żagħżugħ aktarx jidhirlu li jaf iżjed mix-xiħ, għalkemm ħafna drabi din tiegħu tkun prużunzjoni biss, u għalhekk tista' tgħid li ż-żgħażagħ ta' kull seklu ssibhom għedewwa tat-tradizzjoni li ħallewlhom missirijiethom. Imbagħad jikbru fiż-żmien, ma jibqgħux iħossuhom żgħar iżjed, jew aħjar, jibdew iħossuhom aktar qrib ix-xjuħ li darba waħda huma kienu maqdru milli lejn iż-żgħażagħ ta' żmienhom sakemm ir-rivoluzzjonarji tal-bieraħ isiru l-konservattivi tal-lum.

It-tradizzjoni hija ħafna drabi ġabra ta' għaqal missirijietna li meta sabu ruħhom quddiem xi ġrajjiet kbar tal-ħajja ħarġu xi tagħlim mill-esperjenza, tagħlim li huma żammew ħaj fl-imġiba personali u soċjali tagħhom, għalihom u għal uliedhom. Għalhekk meta llum tisma' min, biex juri ruħu progressiv, imaqdar it-tradizzjoni, trid dejjem tiftakar li r-rivoluzzjonarju tal-lum hu l-konservattiv ta' għada u ma tridx timpressjona ruħek wisq bil-ħeġġa tiegħu li jwaqqa' kollox, li jibdel kollox, li jġarraf id-dar ta' missirijietu biex jibni flokha dar oħra aktar komda u aktar arjuża.

Imma t-tradizzjoni tista' tkun tajba u tista' tkun ħażina. Tnejn għalhekk huma l-perikli marbutin mat-tradizzjoni: il-periklu li ma nagħtux kas tagħha meta hi tajba u l-periklu li nitjassru magħha meta hi ħażina. Jekk ma nagħtux kas tat-tradizzjoni meta hi tajba, nagħmlu ħażin għax nitbellhu bħal dak li ma jridx jitgħallem mill-esperjenza ta' min hu akbar minnu. Li mbagħad noqogħdu dejjem għat-tradizzjoni meta hi ħażina wkoll, nagħmlu ħażin ukoll bħal min ikollu drawwa ħażina u ma jridx jaqtagħha għax jgħidlek: "Sa issa dejjem hekk għamilt."

Huma bil-għaqal dawk in-nies li fit-tradizzjonijiet tal-pajjiż jagħżlu bejn dak li jistħoqqlu jibqa' għax hu tajjeb fih innifsu u dak li ma jistħoqqlux jibqa' għax jagħmel għajb lill-pajjiż.

(silta adattata mill-esej 'It-Tajjeb u l-Ħażin tat-Tradizzjoni' tal-Prof. Ġ. Aquilina)

ĊES22/1.oe1-5.12m

**Il-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**Għall-użu tal-Eżaminaturi**

## SKEMA TA' MARKI GĦALL-ORAL TAL-MALTI

L-eżaminaturi għandhom jimxu ma' dawn il-linji gwida meta jagħtu l-marki lill-kandidati.

L-ewwel parti – SILTA GĦALL-QARI

1. **Il-Qari:** (**3 marki** għall-ħila u l-kompetenza fil-qari). Il-qari jrid ikun bi spid normali: la mgħaġġel iżżejjed u lanqas bil-mod iżżejjed. Il-kandidat irid jaqra l-paragrafu kollu (bejn wieħed u ieħor, kull paragrafu għandu 150 kelma.)
2. **L-Għoti tal-ħsieb ewlieni fi kliemhom:** (**3 marki** għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb. Naqqas marka jekk il-ħsieb ewlieni ma jkunx fi kliemhom.)

It-tieni parti – GĦARFIEN LINGWISTIKU U KULTURALI

Il-marki jitqassmu hekk:
**Il-Lingwa:**
- **3 marki** għat-(2a) = tagħrif (fejn ikun hemm id-dubju fuq nisel il-kelma, il-benefiċċju jmur favur il-kandidat, eż: il-kandidat isemmi l-kelma "progress" li ġejja mill-Ingliż u int jidhirlek li ġejja mit-Taljan – agħtihielu tajba minħabba li l-eżempju tiegħu joqrob lejn iż-żewġ lingwi u allura hu jkun qed juri li almenu jaf id-differenza bejn is-Semitiku u n-non-Semitiku)
- **marka** għat-(2b) = espressjoni (it-tweġiba tista' tkun fil-qosor ħafna, anki kelma waħda u aċċetta t-tweġibiet kollha li jistgħu joqogħdu għax jista' jkun hemm aktar minn tweġiba waħda – imma l-kandidat biżżejjed jagħti waħda biex jieħu l-marka.)

**Il-Kultura:**
- **3 marki** għall-(1) = għarfien u interpretazzjoni (din hija l-aktar mistoqsija importanti. Il-kandidat irid jiddeskrivi u/jew iqabbel kulma hemm fl-istampi; jista' jżid xi tagħrif kulturali li jkun studja b'rabta mas-suġġett tal-istampi. Importanti li jgħid xi ħaġa fuq kull stampa.)
- **marka** għat-(2) = espressjoni (hawnhekk il-kandidat jista' jagħti li jrid basta jkollu x'jaqsam mas-suġġett: it-tweġiba tista' tkun ibbażata fuq is-sens komun: aċċetta wkoll tweġibiet qosra)
- **marka** għat-(3) = espressjoni (hawnhekk il-kandidat jista' jagħti li jrid basta jkollu x'jaqsam mas-suġġett: it-tweġiba tista' tkun ibbażata fuq is-sens komun: aċċetta wkoll tweġibiet qosra)

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**1** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **12 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Mużika

Kull ċiviltà tipproduċi l-mużika distinta tagħha li tirrifletti s-soċjetà u l-mod ta' ħsieb ta' dik is-soċjetà. L-istess ħaġa jiġri maż-żmien. Kull żmien jipproduċi l-karatteristika tiegħu, u aħna llum irridu napprezzaw il-mużika tal-imgħoddi fil-kuntest tagħha mingħajr ma norbtuha mal-mużika ta' żmienna. L-apprezzament jitlob is-simpatija. Imma tajjeb li nżommu f'moħħna li l-mużika ta' poplu hija parti mill-kultura sħiħa tiegħu u ma tistax tiġi apprezzata f'iżolament.

Bosta drabi l-mużika tal-imgħoddi nkitbet minħabba xi ħtieġa li kien ikun hemm fis-soċjetà. It-talba għall-mużika x'aktarx li kienet tiġi minn xi istituzzjoni (bħall-Knisja jew l-Ordni ta' San Ġwann), jew minn xi mexxej (bħall-isqof jew il-gran mastru), jew mill-pubbliku li xtaq id-divertiment. Imma element importanti kien il-patrunat li kien jixħet fiduċja fil-kompożitur għax dan kien iserraħ rasu fuq il-qagħda finanzjarja u fuq il-pubbliku. Minħabba f'dan kollu l-gosti ftit kienu jinbidlu u kien hemm l-idea li l-qadim għandu jinżamm; u dan baqa' sa ma l-mużika bdiet tiġi aktar mezz ta' espressjoni ħielsa.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(il-mużika hija parti mill-kultura ta' poplu; kien ikun hemm il-patrunat jinkuraġġixxi l-kitba tal-mużika)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:** a) Il-kelma "mużika" hija ta' nisel Semitiku, Romanz jew Ingliż? (*Romanz*)

b) Għaliex għandna bżonnu l-Malti? *(Għax huwa wirt nazzjonali/għall-identità nazzjonali tagħna)*

# **Il-Kultura:** Passatempi u Logħob

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## Passatempi






1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Għaliex it-tfal kienu jilagħbu aktar fit-toroq fl-imgħoddi?
3. X'vantaġġ/i għandu passatemp bħat-tfaddil tal-bolli?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**2** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **12 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Emigrazzjoni

F'pajjiżna l-emigrazzjoni mhux dejjem kienet selettiva u kellha konsegwenzi kbar fuq ix-xejra tal-progress ekonomiku u soċjali tagħna, u fuq il-pajjiżi li rċivew lill-Maltin fi ħdanhom. Mad-daqqa ta' għajn jidher li s-safar ma dgħajjifx wisq lill-gżejjer tagħna. Ma għandniex xi ngħidu, l-emigrazzjoni bagħtet bosta enerġija u ħila żagħżugħa 'l barra minn xtutna. Dan kien telf kbir għalina.

L-emigranti Maltin kellhom fl-art il-ġdida jħaddnu l-filosofija politika l-ġdida u għalhekk kien jixraq bosta drabi li jfittxu pajjiżi demokratiċi fejn joqogħdu. Barra minn hekk, kien jixraq ukoll li jipparteċipaw bħala ċittadini f'komunità ġdida. Fl-istess ħin kellhom iżommu xi rabtiet mal-kultura Maltija biex b'hekk iwasslu l-isem ta' Malta fl-artijiet imbegħdin.

L-aktar li emigraw il-Maltin minħabba n-nuqqas ta' xogħol u opportunitajiet li kien hawn f'xi perjodi. Imma kien hemm ukoll min emigra għax kellu fih is-sens ta' avventura jew għax ried jeħles minn xi sistema li dejqitu. F'kull każ imma l-emigrazzjoni kienet tfisser firda, sagrifiċċju, u tbatija.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(l-emigrazzjoni effettwat lis-soċjetà; l-emigranti Maltin kienu jsiru ċittadini tal-post fejn kienu jmorru; l-emigrazzjoni kienet tfisser firda)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "emigrazzjoni" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Romanz*)
b) X'jiswielna l-Ingliż lilna l-Maltin? (Għall-komunikazzjoni mal-bqija tad-dinja/lingwa internazzjonali/ parti minn wirtna)

## **Il-Kultura:** Xogħlijiet, Snajja' u Professjonijiet

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

Xogħlijiet





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Kull xogħol għandu is-sabiħ tiegħu. X'taħseb?
3. Għaliex kien hemm aktar tbatija fl-imgħoddi?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**3** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **12 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Futbol

Il-futbol f'pajjiżna (wirt li ħallewlna l-Ingliżi) għandu l-ġrajja tiegħu li tixhed li huwa aktar minn sempliċiment sport: huwa ossessjoni. U bħala ossessjoni jitniżżel bħala karatteristika tas-sekli dsatax u għoxrin meta l-Malti kien konxju wisq tal-futbol f'sens soċjali u psikoloġiku. L-akkaniżmu għall-futbol daħal fil-klassi tal-ħaddiema u rawwem mentalità ta' ħidma kollettiva u organizzattiva li tista' tħalli frott sodisfaċenti. Barra minn hekk, l-assoċjazzjoni mal-Ingliżi għenet sabiex ftit ftit il-mentalità tal-bniedem komuni ma tibqax imjassra fl-inferjorità: iż-żagħżugħ tat-triq seta' jilgħab u jissielet maż-żagħżugħ ta' imperu kbir.

Fil-ġrajja tal-futbol nilmħu rappreżentanza soċjali mħallta. Għaliex hija l-ħila fiżika li hija meħtieġa u mhijiex il-qagħda soċjali jew finanzjarja li tagħmel plejer tajjeb. Il-logħba żviluppat minn waħda goffa għal waħda organizzata. Il-mixja mil-logħob goff, vjolenti, u bla kontroll għall-ordni u r-regolamenti kienet prodott tal-borgeżija industrijali li bdiet tinteressa ruħha f'element importanti li kien jinsab ukoll f'partita futbol. Dan l-element kien l-utilità ta' tim bħala strument għal taħriġ fil-karattru.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(il-futbol biddel il-mentalità tal-Maltin; ħidma f'tim ittejjeb il-karattru tal-individwu)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "futbol" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Ingliż*)
b) Liema huma l-lingwi li l-aktar qegħdin jinfluwenzaw il-Malti llum u għaliex? *(L-Ingliż u t-Taljan. Għax ħafna mill-programmi tat-televixin huma bl-Ingliż u bit -Taljan)*

## **Il-Kultura:** Ir-Riti tal-Passaġġ

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## Iż-Żwieġ





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. L-istampa tat-tieġ fl-imgħoddi x'għandha speċjali?
3. X'importanza għandhom il-fjuri f'tieġ illum?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**4** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **12 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Lingwa

Il-lingwa Maltija tal-lum tirrifletti sekli sħaħ ta' żvilupp. Il-ġrajjiet soċjali u politiċi, li tul it-tieni millennju affettwaw bis-sħiħ il-ħajja nazzjonali tal-poplu Malti, kellhom effetti qawwija fuq il-lingwa. Il-miġja tal-Għarab, il-ħakmiet Ewropej, u l-wasla tal-Ingliżi ġabu kuntatti sħaħ ma' ċiviltajiet differenti u ħadmu b'mod sinifikanti fuq il-lingwa li fil-qagħda preżenti tagħha kapaċi tikxef għeruq fondi Mediterranji u Ewropej. Kollox influwenzaha: il-kummerċ, l-industrija, il-politika, il-knisja, it-teknoloġija, in-navigazzjoni, l-isports — fil-qosor nistgħu ngħidu li l-lingwa Maltija fl-iżvilupp tagħha kollu tirrifletti l-ġrajja sħiħa tal-poplu Malti.

Bħal kull lingwa ħajja oħra, il-Malti jkollu joqgħod għall-iżviluppi li jikkaratterizzaw kull għamla ta' ħajja. Il-bidliet jitfaċċaw f'kull livell: fil-pronunzja, vokabolarju, grammatika, tifsir, eċċ. Il-Maltin tas-sena 2012 m'għadhomx jitkellmu bħall-Maltin tas-sena 1000. Iż-żminijiet inbidlu u l-lingwa kellha tgħaddi minn taħt l-inkwina ta' dawk il-bidliet. Imma ħaġa toħroġ ċerta minn dan kollu: li hemm rabta intima bejn il-lingwa u l-poplu li jitkellimha — tant hija intima li ma tistax ħafna drabi titkellem fuqhom separatament.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(il-lingwa tirrifletti l-istorja ta' Malta u l-iżvilupp tal-Maltin;il-lingwa tinbidel imma hemm rabta intima mal-poplu)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "lingwa" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Romanz*)
b) Għaliex tajjeb nitgħallmu aktar minn lingwa waħda? *(Għax irridu nifhmu popli differenti/biex nikkomunikaw aħjar ma' ħaddieħor)*

## **Il-Kultura:** Ħrejjef u Leġġendi

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Ħrejjef u Leġġendi





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. X'inhu s-siwi tal-istejjer llum?
3. Fisser fil-qosor id-differenza bejn ħrafa u leġġenda.

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**5** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **12 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Arti

Bl-arti moderna l-bniedem tas-seklu 21 iħoss ħajtu tistagħna. Ma nistgħux nibqgħu bierda quddiem biċċa xogħol ta' arti għax anki jekk iddejjaqna u nwarrbuha tkun qaltilna xi ħaġa, u jekk togħġobna x'aktarx li titlobna nitħassbu fuq l-istennijiet tagħna. Imma mhux l-arti kollha qiegħda biex nieħdu gost biha. Is-soċjetà tagħna tagħrafha bħala mod leġittimu ta' espressjoni intellettwali, u l-istudju tal-arti spiss jitqies essenzjali għall-edukazzjoni liberali sħiħa. Imma x'tiswa l-arti fil-ħajja kontemporanja?

Il-bniedem jinqeda bl-arti biex jesprimi ruħu fuq xi esperjenza, biex ifisser xi ħsieb jew anki jirreġistra xi ġrajja jew idea. Jużaha wkoll biex isebbaħ u jżejjen madwaru jew inkella biex jipperswadi jew jaqbeż għal xi ħadd. Imma l-arti ntużat ukoll anki fi żmienna biex tinvestiga u tfittex definizzjonijiet oħra tar-realtà u, aktar minn hekk, biex tispjega lilha nfisha. L-id umana tibqa' titqanqal u titħarrek b'ħerqa u b'ħeġġa ħa tagħti wirja ta' ħila, twassal tifsiriet, u tinfexx fil-fantasija. Bl-arti l-bniedem jiżviluppa l-mod kif iħares lejn ħajtu.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(il-ħajja tal-bniedem tistagħna bl-arti; l-arti tixħet dawl fuq il-ħajja tal-bniedem)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "soċjetà" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Romanz*)
b) Għaliex taħseb li l-Ingliż u t-Taljan qegħdin jinfluwenzaw il-Malti? *(Minħabba l-kuntatti kulturali u kummerċjali li għandna mad-dinja/ Minħabba x-xandir bl-Ingliż u bit-Taljan.)*

## **Il-Kultura:** Il-Mużika

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### L-Għana u l-Mużika *Pop*





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. X'tiswielu l-mużika lill-bniedem?
3. Illum għad għandna bżonnha l-mużika?

Il-BORD TAL-EŻAMIJIET
GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
APRIL 2012

Għall-użu tal-Eżaminaturi

## SKEMA TA' MARKI GĦALL-ORAL TAL-MALTI

L-eżaminaturi għandhom jimxu ma' dawn il-linji gwida meta jagħtu l-marki lill-kandidati.

L-ewwel parti – SILTA GĦALL-QARI

1. **Il-Qari:** (**3 marki** għall-ħila u l-kompetenza fil-qari). Il-qari jrid ikun bi spid normali: la mgħaġġel iżżejjed u lanqas bil-mod iżżejjed. Il-kandidat irid jaqra l-paragrafu kollu (bejn wieħed u ieħor, kull paragrafu għandu 150 kelma.)
2. **L-Għoti tal-ħsieb ewlieni fi kliemhom:** (**3 marki** għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb. Naqqas marka jekk il-ħsieb ewlieni ma jkunx fi kliemhom.)

It-tieni parti – GĦARFIEN LINGWISTIKU U KULTURALI

Il-marki jitqassmu hekk:

**Il-Lingwa:**

- **3 marki** għat-(2a) = tagħrif (fejn ikun hemm id-dubju fuq nisel il-kelma, il-benefiċċju jmur favur il-kandidat, eż: il-kandidat isemmi l-kelma "progress" li ġejja mill-Ingliż u int jidhirlek li ġejja mit-Taljan – agħtihielu tajba minħabba li l-eżempju tiegħu joqrob lejn iż-żewġ lingwi u allura hu jkun qed juri li almenu jaf id-differenza bejn is-Semitiku u n-non-Semitiku)
- **marka** għat-(2b) = espressjoni (it-tweġiba tista' tkun fil-qosor ħafna, anki kelma waħda u aċċetta t-tweġibiet kollha li jistgħu joqogħdu għax jista' jkun hemm aktar minn tweġiba waħda – imma l-kandidat biżżejjed jagħti waħda biex jieħu l-marka.)

**Il-Kultura:**

- **3 marki** għall-(1) = għarfien u interpretazzjoni (din hija l-aktar mistoqsija importanti. Il-kandidat irid jiddeskrivi u/jew iqabbel kulma hemm fl-istampi; jista' jżid xi tagħrif kulturali li jkun studja b'rabta mas-suġġett tal-istampi. Importanti li jgħid xi ħaġa fuq kull stampa.)
- **marka** għat-(2) = espressjoni (hawnhekk il-kandidat jista' jagħti li jrid basta jkollu x'jaqsam mas-suġġett: it-tweġiba tista' tkun ibbażata fuq is-sens komun: aċċetta wkoll tweġibiet qosra)
- **marka** għat-(3) = espressjoni (hawnhekk il-kandidat jista' jagħti li jrid basta jkollu x'jaqsam mas-suġġett: it-tweġiba tista' tkun ibbażata fuq is-sens komun: aċċetta wkoll tweġibiet qosra)

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**6** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **13 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Iskultura

L-istatwi fit-toroq Maltin u Għawdxin jirrakkontaw biċċa mill-ġrajja tal-iskultura tagħna. L-iskultura tirrappreżenta l-ħsieb f'għamla solida li tagħti xbieha. Il-bniedem ilu sekli sħaħ juża l-istatwi sabiex jagħti bixra umana lill-ambjent tiegħu. L-iskultura hija arti qadima ħafna u tirrikjedi bosta ħidma fiżika, sabar, u kontroll sħiħ tal-materjal għal żmien twil.

Fis-soċjetà Maltija r-reliġjon ipprovdiet l-ideat u t-toroq ipprovdew il-post. Jiġifieri pprovdew il-kantunieri u l-bini għal dawn l-ideat li jinsabu fin-niċeċ tal-irħula. Tant hu hekk li għandna purċissjoni sħiħa ta' statwi, xi wħud minnhom jitqiegħdu f'niċeċ dekorattivi wkoll. Is-suġġetti ta' dawn in-niċeċ jitrekknu bl-intimità: il-bniedem isir intimu mal-figuri reliġjużi tal-ambjent tiegħu kemm jekk in-niċċa ssir b'tifkira ta' xi tiġrib jew esperjenza partikolari u kemm jekk issir f'ġieħ xi qaddis jew qaddisa. Imma huwa l-ambjent, bosta drabi, li jiddettalu lill-bniedem xi jpoġġi f'niċċa jew fuq pedestall għax il-qima hija aktarx marbuta mal-qaddis patrun tar-raħal jew tal-belt. Bit-tiswir ta' dawn ix-xbihat il-bniedem irid iżomm kuntatt mar-reliġjon tiegħu.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(l-iskultura titlob ħafna ħsieb u xogħol; l-iskultura tiddependi fuq l-ambjent fejn tintgħamel)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**

a) Il-kelma "ambjent" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Romanz*)

b) Għaliex għandna bżonn nitgħallmu l-Ingliż minbarra l-Malti? *(Għax huwa lingwa internazzjonali/għax huwa parti mill-wirt storiku tagħna.)*

## **Il-Kultura:** Ir-Raħal/il-Belt fejn Toqgħod

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Il-Ħajja fil-Belt/fir-Raħal



1. Iddeskrivi l-istampa ta' hawn fuq.
2. Kif tiddeskrivi l-ħajja tal-lum fil-belt jew raħal fejn toqgħod?
3. X'tip ta' kumditajiet issib fil-belt jew raħal tiegħek?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**7** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **13 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Għamara

Il-kultura hawn Malta, influwenzata bil-kbir mill-Ewropa, ippermettiet tul it-tgerbiba taż-żmien għamliet speċjalizzati ta' għamara — għamliet li mhux bilfors kienu parti mill-esperjenza ta' popli oħra barra mill-Ewropa. L-għamara timxi mal-ambjent u maż-żmien u allura dak li nsibu hawn ma nsibuhx, ngħidu aħna, fl-Afrika u fl-Asja tal-imgħoddi. Barra minn hekk, fl-iżvilupp tat-tfassil nilmħu tendenzi li jidħlu f'xulxin għax l-elementi ta' stil ma jiqfux f'daqqa imma jitħalltu ma' oħrajn f'mixja kontinwa fis-sengħa tal-karpinterija li tagħti stili differenti.

Ix-xejra ta' epoka x'aktarx tissawwar mill-ħsibijiet tal-ħakkiema barranin li kellna u b'hekk nistgħu ngħidu li l-għamara Maltija dejjem imxiet mal-moda Ewropea. L-oqsma għonja tas-soċjetà kellhom l-imgħallmin tagħhom li setgħu jżewqu l-funzjoni mal-gosti artistiċi u dekorattivi għall-ifjen prodott li seta' jgħolli ġieħ is-sinjur. Imma l-irħula mal-ewwel kienu jaddattaw għall-użu prattiku tagħhom u allura fit-talent raħli nsibu stili modesti li kienu jaqdu lill-familja komuni fil-ħajja tagħha. Għalhekk, meta tinqara l-ġrajja tal-għamara Maltija wieħed jagħraf id-differenza bejn l-għamara tas-sinjur u dik tal-fqir.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(l-għamara tkun influwenzata mill-ambjent u miż-żmien; hemm differenza bejn l-għamara tal-għani u dik tal-fqir)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**

a) Il-kelma "imgħallmin" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Semitiku*)

b) X'vantaġġ għandu l-użu tal-Ingliż fit-turiżmu Malti? *(It-turisti li jiġu minn pajjiżi differenti jkunu jafu l-Ingliż u jistgħu jikkomunikaw faċilment mal-Maltin)*

## **Il-Kultura:** Passatempi

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Sports u Logħob






1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Għal xiex iservi l-isport?
3. X'vantaġġi/żvantaġġi hemm fil-logħob ta' barra?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**8** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **13 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Id-Dgħajsa

Id-dgħajsa Maltija mxiet bl-imqadef, bil-qlugħ, u bil-magni u fl-evoluzzjoni tagħha adattat ideat teknoloġiċi li sawru l-karatteristika tagħha. Imma l-ġrajja tad-dgħajsa Maltija trid tibda bħal kull ġrajja oħra: mill-bidu nett.

Sa miż-żminijiet primittivi, il-bniedem ivvinta ħafna għodod biex jikkaċċja bihom, u jekk l-għadajjar u l-baħar kienu jimblokkawlu triqtu l-bniedem-kaċċatur kien jgħum san-naħa l-oħra sakemm tgħallem iżomm ma' zokk li kien ikun jgħum mal-kurrenti. Din kienet l-ewwel forma ta' mirkeb il-baħar li qatt kellu l-bniedem. Għal bosta żmien il-bniedem bikri baqa' jivvjaġġa fuq iz-zkuk jgħumu f'wiċċ l-ilma. U dan x'aktarx li kien l-uniku mezz ta' trasport marittimu sakemm xi ħadd irnexxielu jitla' bilqiegħda fuq iz-zokk u jaqdef b'idejh. Aktar 'il quddiem ġiet l-idea li rikkieb iz-zokk jista' jinqeda b'għuda ċatta biex jaqdef aktar effettivament. Biż-żmien sar aktar tibdil. Xi wħud rabtu għadd ta' zkuk ma' xulxin biex jagħmlu ċattra, filwaqt li bnadi oħra bdew iħaffru zkuk sħaħ ta' siġar biex jagħmlu l-kenuri komdi u inqas ta' periklu.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(id-dgħajsa Maltija kellha ħafna modi biex timxi bihom; fl-iżvilupp tad-dgħajsa l-bniedem fittex il-kumdità u l-ħelsien mill-periklu)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**

a) Il-kelma "għuda" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Semitiku*)

b) Taħseb li hija ħaġa tajba li l-Ingliż u t-Taljan qegħdin jinfluwenzaw il-Malti? Għaliex? *(Iva għax tistagħna l-lingwa/Le għax iħassru l-Malti.)*

# **Il-Kultura:** Il-Mużika

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## It-Terramaxka u l-Elettronika





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Għaliex kienet tintuża l-mużika fit-toroq fl-imgħoddi?
3. Kif qiegħed jgħin lill-bniedem il-progress fil-mużika?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**9** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **13 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Edukazzjoni

L-edukazzjoni f'Malta għandha l-ġrajja tagħha. Is-soċjetà tal-imgħoddi kienet aktarx statika u ftit kienu dawk li jedukaw ruħhom. Il-biċċa l-kbira kienu jaqbdu t-triq tal-ġenituri tagħhom u allura kienu joqogħdu jistennew sa ma jasal il-waqt tagħhom. Imma ż-żminijiet inbidlu u s-soċjetà riedet tkun aktar dinamika. Issa kulħadd irid jirċievi xi forma ta' edukazzjoni tant li d-dritt għall-edukazzjoni tniżżel mad-drittijiet umani. Il-ħtieġa għall-edukazzjoni ġiet l-aktar mill-bidliet soċjali u teknoloġiċi li seħħew fis-sekli 19 u 20 f'Malta.

U ma' dawn il-bidliet insibu li anki l-funzjoni tal-għalliem kellha tinbidel biex issir aktar ċentrali fis-soċjetà. Fejn qabel l-għalliem kien biss iwassal ħiliet ġodda, issa jrid ukoll jiggwida lill-istudenti lejn maturità personali u attitudnijiet soċjali li huma kostruttivi. Ma għandniex xi ngħidu, dan jitlob tħarriġ u tagħlim xieraq biex għalliem ikun kapaċi jwettaq dawn ir-responsabilitajiet kollha. Fis-seklu 20 is-sejħa kienet għal titjib soċjali u riformi fl-edukazzjoni, għal opportunitajiet indaqs, u biex l-edukazzjoni tkun aktar toqgħod għall-interessi u l-kapaċitajiet tal-individwu.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(il-bidla fis-soċjetà ġabet ħtieġa kbira għall-edukazzjoni; ir-responsabilitajiet tal-għalliema nbidlu mal-progress)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "għalliem" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Semitiku*)
b) Liema huma l-lingwi l-aktar li jiswewlna llum lilna l-Maltin? *(Il-Malti u l-Ingliż)*

## **Il-Kultura:** Xogħlijiet, Snajja' u Professjonijiet

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Professjonijiet u Xogħlijiet






1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Kull xogħol għandu t-tbatija tiegħu. X'taħseb?
3. X'vantaġġ/i għandha t-teknoloġija llum?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**10** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **13 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Id-Drawwiet

F'komunità żgħira bħal tagħna nsibu li ħafna mid-drawwiet huma marbutin mal-ħajja tar-raħal. U għalhekk ir-relazzjonijiet bejnietna x'aktarx isiru wiċċ imb wiċċ. Però minħabba raġunijiet soċjali qed ikun hemm bosta ċaqliq minn raħal għal ieħor u minn distrett għal ieħor, u allura d-drawwiet donnhom qed ikollhom inqas permanenza. Dan għax qed ikun hemm ħafna aktar kuntatti ma' aspetti differenti tal-progress.

Id-drawwiet kienu qawwijin meta kien hemm aktar qrubija fir-raħal Malti. Ir-raħal kien iservi bħala l-bażi tal-kooperazzjoni ekonomika u soċjali. Kien jiddetermina l-karattru tal-individwu u l-attivitajiet soċjali. Iċ-ċokon kien jillimita d-differenzi u l-mentalità kienet tibqa' marbuta ma' dan ċ-ċokon. Mill-fdalijiet tradizzjonali nifhmu ftit aktar lil missirijietna u 'l ommijietna li għexu f'atmosfera soċjali mgħoddija. U ta' min iżid li d-drawwiet u t-twemmin mhumiex biss tar-raħħala jew tal-popolin imma anki tan-nies edukati u mlaħħqin. Jiġifieri, il-livell ta' ħsieb li jnixxi mid-drawwiet jirrappreżenta għamla ta' kultura skont il-ġrajja Maltija u l-mixja nazzjonali tal-ħajja tal-Maltin.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(id-drawwiet qed ibatu għax hemm ħafna ċaqliq fis-soċjetà; id-drawwiet jirriflettu l-kultura tal-pajjiż)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "żgħira" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Semitiku*)
b) Għaliex tajjeb nitgħallmu l-lingwi barranin? *(Biex nifhmu aktar lil xulxin/biex ikollna kummerċ aħjar ma' ħaddieħor)*

## **Il-Kultura:** Ir-Riti tal-Passaġġ

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### It-Twelid



1. Iddeskrivi dak li qed tara fl-istampa.
2. Xi jfisser it-twelid ta' tarbija għalik?
3. Kif jiġi ċċelebrat it-twelid ta' tarbija f'Malta?

ĊES22/1.oe11-15.12m

**Il-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**Għall-użu tal-Eżaminaturi**

## SKEMA TA' MARKI GĦALL-ORAL TAL-MALTI

L-eżaminaturi għandhom jimxu ma' dawn il-linji gwida meta jagħtu l-marki lill-kandidati.

L-ewwel parti – SILTA GĦALL-QARI

1. **Il-Qari:** (**3 marki** għall-ħila u l-kompetenza fil-qari). Il-qari jrid ikun bi spid normali: la mgħaġġel iżżejjed u lanqas bil-mod iżżejjed. Il-kandidat irid jaqra l-paragrafu kollu (bejn wieħed u ieħor, kull paragrafu għandu 150 kelma.)
2. **L-Għoti tal-ħsieb ewlieni fi kliemhom:** (**3 marki** għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb. Naqqas marka jekk il-ħsieb ewlieni ma jkunx fi kliemhom.)

It-tieni parti – GĦARFIEN LINGWISTIKU U KULTURALI

Il-marki jitqassmu hekk:
**Il-Lingwa:**
- **3 marki** għat-(2a) = tagħrif (fejn ikun hemm id-dubju fuq nisel il-kelma, il-benefiċċju jmur favur il-kandidat, eż: il-kandidat isemmi l-kelma "progress" li ġejja mill-Ingliż u int jidhirlek li ġejja mit-Taljan – agħtihielu tajba minħabba li l-eżempju tiegħu joqrob lejn iż-żewġ lingwi u allura hu jkun qed juri li almenu jaf id-differenza bejn is-Semitiku u n-non-Semitiku)
- **marka** għat-(2b) = espressjoni (it-tweġiba tista' tkun fil-qosor ħafna, anki kelma waħda u aċċetta t-tweġibiet kollha li jistgħu joqogħdu għax jista' jkun hemm aktar minn tweġiba waħda – imma l-kandidat biżżejjed jagħti waħda biex jieħu l-marka.)

**Il-Kultura:**
- **3 marki** għall-(1) = għarfien u interpretazzjoni (din hija l-aktar mistoqsija importanti. Il-kandidat irid jiddeskrivi u/jew iqabbel kulma hemm fl-istampi; jista' jżid xi tagħrif kulturali li jkun studja b'rabta mas-suġġett tal-istampi. Importanti li jgħid xi ħaġa fuq kull stampa.)
- **marka** għat-(2) = espressjoni (hawnhekk il-kandidat jista' jagħti li jrid basta jkollu x'jaqsam mas-suġġett: it-tweġiba tista' tkun ibbażata fuq is-sens komun: aċċetta wkoll tweġibiet qosra)
- **marka** għat-(3) = espressjoni (hawnhekk il-kandidat jista' jagħti li jrid basta jkollu x'jaqsam mas-suġġett: it-tweġiba tista' tkun ibbażata fuq is-sens komun: aċċetta wkoll tweġibiet qosra)

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**11** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **16 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## It-Tjur

Il-bniedem jinqeda bit-tjur għal bosta ħwejjeġ. Ħafna tjur għandhom laħamhom tajjeb għall-ikel u l-bajd tagħhom huwa meqjus sustanzjuż għall-bniedem. F'kull naħa tad-dinja nsibu ikel ta' din ix-xorta, u hawn Malta l-aktar li jittiekel huwa t-tajr iddomestikat bħat-tiġieġ, il-ħamiem, il-papri, u d-dundjani. Imma jittiekel ukoll il-gamiem u s-summien. Ir-rix ġieli jintuża bħala element ta' lbies jew ta' dekorazzjoni, u f'xi nħawi tad-dinja anki bħala indikazzjoni ta' stat soċjali.

L-għasafar fil-gaġeġ, il-bniedem jużahom sabiex iqajmu u jsebbħu d-dar fejn jgħammar għax jagħtu l-ħajja lill-post bl-ilwien u bl-għana tagħhom u jżommulu kumpanija. Jintużaw ukoll fl-isports u fil-kaċċa. Storikament missirijietna kienu jagħmlu suq tajjeb mit-tjur u saħansitra l-falkun anki kien jagħti sehmu fil-politika. U qabel il-mezzi moderni tal-komunikazzjoni, l-għasafar kienu jaħdmu wkoll bħala messaġġiera. L-għasfur imħarreġ bħala messaġġier instab utli ħafna fi żmien ta' gwerra u ilu jintuża fil-Punent mill-bidu tal-era Nisranija u baqa' jintuża għal żmien twil saħansitra anki fit-Tieni Gwerra Dinjija tas-seklu 20.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(it-tjur lill-bniedem jagħtuh l-ikel, ilbies, u tiżjin; it-tjur jintużaw ukoll għall-isports, politika, u komunikazzjoni)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**

a) Il-kelma "sports" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Ingliż*)

b) Għaliex għandna bżonnu l-Malti? *(Għax huwa wirt nazzjonali/għall-identità nazzjonali tagħna)*

## **Il-Kultura:** Mużika

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## Il-Mużika ta' Żmienna



1. Iddeskrivi dak li qed tara fl-istampa.
2. Għal xiex tintuża l-mużika llum?
3. Kif qiegħed jgħin lill-bniedem il-progress fil-mużika llum?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**12** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **16 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Ix-Xandir

L-innovazzjoni kulturali li ġab miegħu s-seklu 20 bix-xandir tista' titqabbel fl-importanza tagħha mal-invenzjoni tal-istampar: it-tnejn sabu udjenza ħerqana biex tirċievi dak kollu li kien mogħti lilha. Ix-xandir, jew it-trażmissjoni bir-radju u t-televixin ta' programmi maħsuba għall-pubbliku ġenerali, jista' jitfisser bħala tixrid sistematiku ta' divertiment, tagħrif, edukazzjoni, u dokumentarji siewja għal udjenza mxerrda li trid tirċievi dawn il-programmi f'daqqa b'xi apparat xieraq.

Ix-xandir jista' jkun indirizzat lejn is-smigħ jew lejn il-ħars, jew inkella lejn it-tnejn f'daqqa. U twieldet industrija sħiħa li ġibdet magħha bosta oqsma, bħall-qasam tekniku, dak artistiku, u dak professjonali. Ittellgħu strutturi għat-trażmissjoni ta' programmi. U żviluppaw servizzi biex jaqdu lill-pubbliku u lil din l-industrija l-ġdida. Bħala trażmissjoni sistematika x-xandir bis-sawnd jitqies li beda fl-1920; hawn Malta s-settijiet tar-radju bdew deħlin fl-1920. Filwaqt li x-xandir televiżiv beda fl-1936, u hawn Malta fl-1957. Kull pajjiż beda mbagħad jirregola x-xandir tiegħu u joħloq liġijiet, liċenzji, u permessi għal min ried jittrażmetti u għal min ried jirċievi.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(ix-xandir huwa importanti għax ixerred il-kultura; il-pajjiżi bdew jagħmlu r-regoli tagħhom biex jikkontrollaw ix-xandir tagħhom)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**

a) Il-kelma "televixin" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Ingliż*)

b) X'jiswielna l-Ingliż lilna l-Maltin? *(Għall-komunikazzjoni mal-bqija tad-dinja/lingwa internazzjonali/ parti minn wirtna)*

## **Il-Kultura:** Ir-Raħal/Il-Belt fejn Toqgħod

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Il-Bini Modern



1. Iddeskrivi l-istampa ta' hawn fuq.
2. X'tip ta' bini modern hemm fil-belt jew raħal tiegħek?
3. Jekk fil-belt jew raħal tiegħek hemm xi roqgħa mhix mibnija kif tista' tiġi żviluppata għall-benefiċċju tan-nies?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**13** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **16 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Ġardinaġġ

B'ġardinaġġ nifhmu t-tkabbir ta' xtieli għall-qligħ jew għall-gost, il-kura ta' xi mixtla jew ġnien, il-kultivazzjoni ta' biċċa art għat-tkabbir ta' fjuri, frott, u ħxejjex għall-użu privat jew bħala ikel domestiku. Dan kollu jrid jinftiehem bħala arti u bħala xjenza. L-ippjanar fil-ġardinaġġ għandu jikkumplimenta l-bini u għalhekk fil-ħsieb tal-bniedem jintiseġ mal-arkitettura. U għalkemm il-prinċipji bażiċi involuti fil-kultivazzjoni tal-pjanti huma l-istess kullimkien, il-ġardinaġġ ikollu jadatta ruħu għall-kondizzjonijiet lokali.

L-introduzzjoni ta' pjanti minn ambjenti oħra kibret ma' kullimkien. U minħabba li mal-introduzzjoni ta' pjanta barranija bdew deħlin anki insetti ġodda, inħolqot il-ħtieġa ta' kwarantina għax-xtieli. Dan ġab aktar studju u riċerka, u kull pajjiż beda jkollu aktar varjetajiet. Malta wkoll tat sehemha f'dawn l-attivitajiet kollha. Il-mixtla ta' Wied Inċita saret stazzjon intermedju għat-tnissil u t-tkabbir ta' pjanti indiġeni u barranin. Kaġun ta' din ir-riċerka u l-esperimentazzjoni kollha issa nistgħu niddeskrivu l-ambjent naturali Malti aktar, nevitaw il-mard tax-xtieli, u nużaw l-għodda xierqa għall-ambjent tagħna.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(il-ġardinaġġ għandu kemm mill-arti u kemm mix-xjenza; il-ġardinaġġ ġab miegħu ħafna studji fuq l-ambjent naturali)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**

a) Il-kelma "fjuri" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Romanz*)

b) Liema huma l-lingwi li l-aktar qegħdin jinfluwenzaw il-Malti llum u għaliex? *(L-Ingliż u t-Taljan. Għax ħafna mill-programmi tat-televixin huma bl-Ingliż u bit -Taljan)*

## **Il-Kultura:** Passatempi

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## Sports u Logħob






1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Għal xiex iservi l-isport?
3. X'vantaġġi/żvantaġġi hemm fil-logħob ta' bilqiegħda?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**14** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **16 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Ħut

Ir-rabtiet li l-Gżejjer Maltin għandhom mal-ħut jidhru f'aspetti differenti. Ġeografikament Malta għandha għamla ta' ħuta. Imma minħabba li Malta, Għawdex, u Kemmuna huma gżejjer, bosta mill-ekonomija tagħhom kienet u għadha tiddependi mis-sajd. Il-ħut huwa importanti fl-ekonomija tal-baħar ukoll għax jiekol organiżmi iżgħar minnu u jittiekel minn ħlejjaq akbar minnu. Minħabba li tista' ssibu fi kwantitajiet kbar u minħabba li jista' jinqabad faċilment, il-ħut minn dejjem kien parti mill-ikel imfittex mill-bniedem.

Bosta huma dawk il-pajjiżi li għandhom l-industrija tas-sajd qawwija. Lill-bniedem il-ħut mhux biss jagħtih l-ikel imma anki prodotti siewja bħal żejt u kolla. Barra minn hekk, is-sajd huwa delizzju ta' bosta. Imma għalkemm is-sajd huwa ta' ħtieġa kbira, il-bniedem irid jibża' għal din ir-riżorsa għax tieħu bla trodd is-swar tħott u l-ħmieġ u t-tinġis jeqred bosta ħut. Għalhekk tajjeb li nkomplu niżviluppaw kultura ta' kura fil-baħar biex qabel xejn l-ambjent ikun dejjem nadif u biex il-ħut iż-żgħir ma noqtluhx ħalli jkollu ċ-ċans jikber u jkattar.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(il-ħut huwa importanti għall-ekonomija tal-pajjiż; il-bniedem irid jieħu ħsieb ir-riżorsa tal-ħut)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "baħar" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Semitiku*)
b) Għaliex tajjeb nitgħallmu aktar minn lingwa waħda? *(Għax irridu nifhmu popli differenti/biex nikkomunikaw aħjar ma' ħaddieħor)*

## **Il-Kultura:** Xogħlijiet, Snajja' u Professjonijiet

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Professjonijiet





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Kull xogħol għandu s-sabiħ tiegħu. X'taħseb?
3. Semmi xi professjonijiet oħra li jagħtu servizz lill-poplu.

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**15** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **16 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Kotba

Fl-ewwel nofs tas-seklu 20 it-tfal kienu jingħataw qari tal-kbar li kien tajjeb għalihom għax kienu jarawhom adulti żgħar, ħlejjaq li l-missjoni waħdanija tagħhom kienet il-maturità skont kif jifhmuha l-kbar. Fit-tieni nofs tas-seklu 20, wara l-Indipendenza meta l-Malti beda jlaħħaq aktar mal-progress tas-seklu 20, id-dehra tat-tfal bdiet tinbidel minħabba li faqqas l-għarfien li t-tfal kellhom il-bżonnijiet speċjali tagħhom. Fis-sebgħinijiet il-kittieba żgħażagħ ippreżentaw tfal realistiċi fi stejjer ta' fantasija u avventura. U ma' dawn nibet il-ħsieb li ħoloq ħlejjaq ta' ħlewwa l-ġmiel tagħhom. Gerbu s-snin u fid-disgħinijiet it-tfal fl-istejjer baqgħu konvinċenti u naturali imma f'dinja ta' fantasija.

Il-kotba huma komponent essenzjali mill-identità kulturali għax qegħdin jitqiesu aktar minn sempliċiment mezz li jwassal il-ferħ tal-qari lit-tfal. Ġieli jitqiesu bħala mod konvenjenti kif jgħallmuhom għax jgħallmuhom b'mod pożittiv dwar il-problemi taż-żmien u ta' pajjiżna. Minħabba f'hekk, il-letteratura tat-tfal qiegħda ġġorr piż kbir hi u turi l-klima taż-żmien u l-post biex tirrifletti s-soċjetà li ħolqitha.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(il-kotba għat-tfal tjiebu mal-mixja taż-żmien; il-kotba tat-tfal iwasslu l-identità kulturali tas-soċjetà)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "kotba" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Semitiku*)
b) Għaliex taħseb li l-Ingliż u t-Taljan qegħdin jinfluwenzaw il-Malti? *(Minħabba l-kuntatti kulturali u kummerċjali li għandna mad-dinja/ Minħabba x-xandir bl-Ingliż u bit-Taljan.)*

## **Il-Kultura:** Ir-Riti tal-Passaġġ

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Il-Mewt



1. Iddeskrivi dak li qed tara fl-istampa.
2. Għaliex isir funeral meta jmut xi ħadd?
3. In-nies li hemm fir-ritratt kif qegħdin juru r-rispett tagħhom lejn il-mejjet?

ĊES22/1.oe16-20.12m

**Il-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**Għall-użu tal-Eżaminaturi**

# SKEMA TA' MARKI GĦALL-ORAL TAL-MALTI

L-eżaminaturi għandhom jimxu ma' dawn il-linji gwida meta jagħtu l-marki lill-kandidati.

L-ewwel parti – SILTA GĦALL-QARI

1. **Il-Qari:** (**3 marki** għall-ħila u l-kompetenza fil-qari). Il-qari jrid ikun bi spid normali: la mgħaġġel iżżejjed u lanqas bil-mod iżżejjed. Il-kandidat irid jaqra l-paragrafu kollu (bejn wieħed u ieħor, kull paragrafu għandu 150 kelma.)
2. **L-Għoti tal-ħsieb ewlieni fi kliemhom:** (**3 marki** għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb. Naqqas marka jekk il-ħsieb ewlieni ma jkunx fi kliemhom.)

It-tieni parti – GĦARFIEN LINGWISTIKU U KULTURALI

Il-marki jitqassmu hekk:
**Il-Lingwa:**
- **3 marki** għat-(2a) = tagħrif (fejn ikun hemm id-dubju fuq nisel il-kelma, il-benefiċċju jmur favur il-kandidat, eż: il-kandidat isemmi l-kelma "progress" li ġejja mill-Ingliż u int jidhirlek li ġejja mit-Taljan – agħtihielu tajba minħabba li l-eżempju tiegħu joqrob lejn iż-żewġ lingwi u allura hu jkun qed juri li almenu jaf id-differenza bejn is-Semitiku u n-non-Semitiku)
- **marka** għat-(2b) = espressjoni (it-tweġiba tista' tkun fil-qosor ħafna, anki kelma waħda u aċċetta t-tweġibiet kollha li jistgħu joqogħdu għax jista' jkun hemm aktar minn tweġiba waħda – imma l-kandidat biżżejjed jagħti waħda biex jieħu l-marka.)

**Il-Kultura:**
- **3 marki** għall-(1) = għarfien u interpretazzjoni (din hija l-aktar mistoqsija importanti. Il-kandidat irid jiddeskrivi u/jew iqabbel kulma hemm fl-istampi; jista' jżid xi tagħrif kulturali li jkun studja b'rabta mas-suġġett tal-istampi. Importanti li jgħid xi ħaġa fuq kull stampa.)
- **marka** għat-(2) = espressjoni (hawnhekk il-kandidat jista' jagħti li jrid basta jkollu x'jaqsam mas-suġġett: it-tweġiba tista' tkun ibbażata fuq is-sens komun: aċċetta wkoll tweġibiet qosra)
- **marka** għat-(3) = espressjoni (hawnhekk il-kandidat jista' jagħti li jrid basta jkollu x'jaqsam mas-suġġett: it-tweġiba tista' tkun ibbażata fuq is-sens komun: aċċetta wkoll tweġibiet qosra)

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**16** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **17 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Mużika

Kull ċiviltà tipproduċi l-mużika distinta tagħha li tirrifletti s-soċjetà u l-mod ta' ħsieb ta' dik is-soċjetà. L-istess ħaġa jiġri maż-żmien. Kull żmien jipproduċi l-karatteristika tiegħu, u aħna llum irridu napprezzaw il-mużika tal-imgħoddi fil-kuntest tagħha mingħajr ma norbtuha mal-mużika ta' żmienna. L-apprezzament jitlob is-simpatija. Imma tajjeb li nżommu f'moħħna li l-mużika ta' poplu hija parti mill-kultura sħiħa tiegħu u ma tistax tiġi apprezzata f'iżolament.

Bosta drabi l-mużika tal-imgħoddi nkitbet minħabba xi ħtieġa li kien ikun hemm fis-soċjetà. It-talba għall-mużika x'aktarx li kienet tiġi minn xi istituzzjoni (bħall-Knisja jew l-Ordni ta' San Ġwann), jew minn xi mexxej (bħall-isqof jew il-gran mastru), jew mill-pubbliku li xtaq id-divertiment. Imma element importanti kien il-patrunat li kien jixħet fiduċja fil-kompożitur għax dan kien iserraħ rasu fuq il-qagħda finanzjarja u fuq il-pubbliku. Minħabba f'dan kollu l-gosti ftit kienu jinbidlu u kien hemm l-idea li l-qadim għandu jinżamm; u dan baqa' sa ma l-mużika bdiet tiġi aktar mezz ta' espressjoni ħielsa.

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(il-mużika hija parti mill-kultura ta' poplu; kien ikun hemm il-patrunat jinkuraġġixxi l-kitba tal-mużika)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:** a) Il-kelma "ħsieb" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Semitiku*)

b) Għaliex għandna bżonn nitgħallmu l-Ingliż minbarra l-Malti? *(Għax huwa lingwa internazzjonali/għax huwa parti mill-wirt storiku tagħna.)*

## **Il-Kultura:** Ir-Riti tal-Passaġġ

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### It-Twelid



1. Iddeskrivi dak li qed tara fl-istampa.
2. Xi jfisser it-twelid ta' tarbija għalik?
3. Kif jiġi ċċelebrat it-twelid ta' tarbija f'Malta?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**17** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **17ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Emigrazzjoni

F'pajjiżna l-emigrazzjoni mhux dejjem kienet selettiva u kellha konsegwenzi kbar fuq ix-xejra tal-progress ekonomiku u soċjali tagħna, u fuq il-pajjiżi li rċivew lill-Maltin fi ħdanhom. Mad-daqqa ta' għajn jidher li s-safar ma dgħajjifx wisq lill-gżejjer tagħna. Ma għandniex xi ngħidu, l-emigrazzjoni bagħtet bosta enerġija u ħila żagħżugħa 'l barra minn xtutna. Dan kien telf kbir għalina.

L-emigranti Maltin kellhom fl-art il-ġdida jħaddnu l-filosofija politika l-ġdida u għalhekk kien jixraq bosta drabi li jfittxu pajjiżi demokratiċi fejn joqogħdu. Barra minn hekk, kien jixraq ukoll li jipparteċipaw bħala ċittadini f'komunità ġdida. Fl-istess ħin kellhom iżommu xi rabtiet mal-kultura Maltija biex b'hekk iwasslu l-isem ta' Malta fl-artijiet imbegħdin.

L-aktar li emigraw il-Maltin minħabba n-nuqqas ta' xogħol u opportunitajiet li kien hawn f'xi perjodi. Imma kien hemm ukoll min emigra għax kellu fih is-sens ta' avventura jew għax ried jeħles minn xi sistema li dejqitu. F'kull każ imma l-emigrazzjoni kienet tfisser firda, sagrifiċċju, u tbatija.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(l-emigrazzjoni effettwat lis-soċjetà; l-emigranti Maltin kienu jsiru ċittadini tal-post fejn kienu jmorru; l-emigrazzjoni kienet tfisser firda)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**

a) Il-kelma "xogħol" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Semitiku*)

b) X'vantaġġ għandu l-użu tal-Ingliż fit-turiżmu Malti? *(It-turisti li jiġu minn pajjiżi differenti jkunu jafu l-Ingliż u jistgħu jikkomunikaw faċilment mal-Maltin)*

## **Il-Kultura:** Xogħlijiet, Snajja' u Professjonijiet

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Professjonijiet





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Kull xogħol għandu s-sabiħ tiegħu. X'taħseb?
3. Semmi xi professjonijiet oħra li jagħtu servizz lill-poplu.

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**18** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **17 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Futbol

Il-futbol f'pajjiżna (wirt li ħallewlna l-Ingliżi) għandu l-ġrajja tiegħu li tixhed li huwa aktar minn sempliċiment sport: huwa ossessjoni. U bħala ossessjoni jitniżżel bħala karatteristika tas-sekli dsatax u għoxrin meta l-Malti kien konxju wisq tal-futbol f'sens soċjali u psikoloġiku. L-akkaniżmu għall-futbol daħal fil-klassi tal-ħaddiema u rawwem mentalità ta' ħidma kollettiva u organizzattiva li tista' tħalli frott sodisfaċenti. Barra minn hekk, l-assoċjazzjoni mal-Ingliżi għenet sabiex ftit ftit il-mentalità tal-bniedem komuni ma tibqax imjassra fl-inferjorità: iż-żagħżugħ tat-triq seta' jilgħab u jissielet maż-żagħżugħ ta' imperu kbir.

Fil-ġrajja tal-futbol nilmħu rappreżentanza soċjali mħallta. Għaliex hija l-ħila fiżika li hija meħtieġa u mhijiex il-qagħda soċjali jew finanzjarja li tagħmel plejer tajjeb. Il-logħba żviluppat minn waħda goffa għal waħda organizzata. Il-mixja mil-logħob goff, vjolenti, u bla kontroll għall-ordni u r-regolamenti kienet prodott tal-borgeżija industrijali li bdiet tinteressa ruħha f'element importanti li kien jinsab ukoll f'partita futbol. Dan l-element kien l-utilità ta' tim bħala strument għal taħriġ fil-karattru.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(il-futbol biddel il-mentalità tal-Maltin; ħidma f'tim ittejjeb il-karattru tal-individwu)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**

a) Il-kelma "plejer" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Ingliż*)

b) Taħseb li hija ħaġa tajba li l-Ingliż u t-Taljan qegħdin jinfluwenzaw il-Malti? Għaliex? *(Iva għax tistagħna l-lingwa/Le għax iħassru l-Malti.)*

## **Il-Kultura:** Passatempi

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Sports u Logħob





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Għal xiex iservi l-isport?
3. X'vantaġġi/żvantaġġi hemm fil-logħob ta' bilqiegħda?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**
**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**19** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **17 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Lingwa

Il-lingwa Maltija tal-lum tirrifletti sekli sħaħ ta' żvilupp. Il-ġrajjiet soċjali u politiċi, li tul it-tieni millennju affettwaw bis-sħiħ il-ħajja nazzjonali tal-poplu Malti, kellhom effetti qawwija fuq il-lingwa. Il-miġja tal-Għarab, il-ħakmiet Ewropej, u l-wasla tal-Ingliżi ġabu kuntatti sħaħ ma' ċiviltajiet differenti u ħadmu b'mod sinifikanti fuq il-lingwa li fil-qagħda preżenti tagħha kapaċi tikxef għeruq fondi Mediterranji u Ewropej. Kollox influwenzaha: il-kummerċ, l-industrija, il-politika, il-knisja, it-teknoloġija, in-navigazzjoni, l-isports — fil-qosor nistgħu ngħidu li l-lingwa Maltija fl-iżvilupp tagħha kollu tirrifletti l-ġrajja sħiħa tal-poplu Malti.

Bħal kull lingwa ħajja oħra, il-Malti jkollu joqgħod għall-iżviluppi li jikkaratterizzaw kull għamla ta' ħajja. Il-bidliet jitfaċċaw f'kull livell: fil-pronunzja, vokabolarju, grammatika, tifsir, eċċ. Il-Maltin tas-sena 2012 m'għadhomx jitkellmu bħall-Maltin tas-sena 1000. Iż-żminijiet inbidlu u l-lingwa kellha tgħaddi minn taħt l-inkwina ta' dawk il-bidliet. Imma ħaġa toħroġ ċerta minn dan kollu: li hemm rabta intima bejn il-lingwa u l-poplu li jitkellimha — tant hija intima li ma tistax ħafna drabi titkellem fuqhom separatament.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(il-lingwa tirrifletti l-istorja ta' Malta u l-iżvilupp tal-Maltin;il-lingwa tinbidel imma hemm rabta intima mal-poplu)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "qagħda" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Semitiku*)
b) Liema huma l-lingwi l-aktar li jiswewlna llum lilna l-Maltin? *(Il-Malti u l-Ingliż)*

## **Il-Kultura:** Ir-Raħal/Il-Belt fejn Toqgħod

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Il-Bini Modern



1. Iddeskrivi l-istampa ta' hawn fuq.
2. X'tip ta' bini modern hemm fil-belt jew raħal tiegħek?
3. Jekk fil-belt jew raħal tiegħek hemm xi roqgħa mhix mibnija kif tista' tiġi żviluppata għall-benefiċċju tan-nies?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**20** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **17 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Arti

Bl-arti moderna l-bniedem tas-seklu 21 iħoss ħajtu tistagħna. Ma nistgħux nibqgħu bierda quddiem biċċa xogħol ta' arti għax anki jekk iddejjaqna u nwarrbuha tkun qaltilna xi ħaġa, u jekk togħġobna x'aktarx li titlobna nitħassbu fuq l-istennijiet tagħna. Imma mhux l-arti kollha qiegħda biex nieħdu gost biha. Is-soċjetà tagħna tagħrafha bħala mod leġittimu ta' espressjoni intellettwali, u l-istudju tal-arti spiss jitqies essenzjali għall-edukazzjoni liberali sħiħa. Imma x'tiswa l-arti fil-ħajja kontemporanja?

Il-bniedem jinqeda bl-arti biex jesprimi ruħu fuq xi esperjenza, biex ifisser xi ħsieb jew anki jirreġistra xi ġrajja jew idea. Jużaha wkoll biex isebbaħ u jżejjen madwaru jew inkella biex jipperswadi jew jaqbeż għal xi ħadd. Imma l-arti ntużat ukoll anki fi żmienna biex tinvestiga u tfittex definizzjonijiet oħra tar-realtà u, aktar minn hekk, biex tispjega lilha nfisha. L-id umana tibqa' titqanqal u titħarrek b'ħerqa u b'ħeġġa ħa tagħti wirja ta' ħila, twassal tifsiriet, u tinfexx fil-fantasija. Bl-arti l-bniedem jiżviluppa l-mod kif iħares lejn ħajtu.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(il-ħajja tal-bniedem tistagħna bl-arti; l-arti tixħet dawl fuq il-ħajja tal-bniedem)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "togħġobna" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Semitiku*)
b) Għaliex tajjeb nitgħallmu l-lingwi barranin? *(Biex nifhmu aktar lil xulxin/biex ikollna kummerċ aħjar ma' ħaddieħor)*

# **Il-Kultura:** Mużika

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## Il-Mużika ta' Żmienna



1. Iddeskrivi dak li qed tara fl-istampa.
2. Għal xiex tintuża l-mużika llum?
3. Kif qiegħed jgħin lill-bniedem il-progress fil-mużika llum?

**Il-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**Għall-użu tal-Eżaminaturi**

# SKEMA TA' MARKI GĦALL-ORAL TAL-MALTI

L-eżaminaturi għandhom jimxu ma' dawn il-linji gwida meta jagħtu l-marki lill-kandidati.

L-ewwel parti – SILTA GĦALL-QARI

1. **Il-Qari:** (**3 marki** għall-ħila u l-kompetenza fil-qari). Il-qari jrid ikun bi spid normali: la mgħaġġel iżżejjed u lanqas bil-mod iżżejjed. Il-kandidat irid jaqra l-paragrafu kollu (bejn wieħed u ieħor, kull paragrafu għandu 150 kelma.)
2. **L-Għoti tal-ħsieb ewlieni fi kliemhom:** (**3 marki** għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb. Naqqas marka jekk il-ħsieb ewlieni ma jkunx fi kliemhom.)

It-tieni parti – GĦARFIEN LINGWISTIKU U KULTURALI

Il-marki jitqassmu hekk:

**Il-Lingwa:**

- **3 marki** għat-(2a) = tagħrif (fejn ikun hemm id-dubju fuq nisel il-kelma, il-benefiċċju jmur favur il-kandidat, eż: il-kandidat isemmi l-kelma "progress" li ġejja mill-Ingliż u int jidhirlek li ġejja mit-Taljan – agħtihielu tajba minħabba li l-eżempju tiegħu joqrob lejn iż-żewġ lingwi u allura hu jkun qed juri li almenu jaf id-differenza bejn is-Semitiku u n-non-Semitiku)
- **marka** għat-(2b) = espressjoni (it-tweġiba tista' tkun fil-qosor ħafna, anki kelma waħda u aċċetta t-tweġibiet kollha li jistgħu joqogħdu għax jista' jkun hemm aktar minn tweġiba waħda – imma l-kandidat biżżejjed jagħti waħda biex jieħu l-marka.)

**Il-Kultura:**

- **3 marki** għall-(1) = għarfien u interpretazzjoni (din hija l-aktar mistoqsija importanti. Il-kandidat irid jiddeskrivi u/jew iqabbel kulma hemm fl-istampi; jista' jżid xi tagħrif kulturali li jkun studja b'rabta mas-suġġett tal-istampi. Importanti li jgħid xi ħaġa fuq kull stampa.)
- **marka** għat-(2) = espressjoni (hawnhekk il-kandidat jista' jagħti li jrid basta jkollu x'jaqsam mas-suġġett: it-tweġiba tista' tkun ibbażata fuq is-sens komun: aċċetta wkoll tweġibiet qosra)
- **marka** għat-(3) = espressjoni (hawnhekk il-kandidat jista' jagħti li jrid basta jkollu x'jaqsam mas-suġġett: it-tweġiba tista' tkun ibbażata fuq is-sens komun: aċċetta wkoll tweġibiet qosra)

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**21** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **18 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Iskultura

L-istatwi fit-toroq Maltin u Għawdxin jirrakkontaw biċċa mill-ġrajja tal-iskultura tagħna. L-iskultura tirrappreżenta l-ħsieb f'għamla solida li tagħti xbieha. Il-bniedem ilu sekli sħaħ juża l-istatwi sabiex jagħti bixra umana lill-ambjent tiegħu. L-iskultura hija arti qadima ħafna u tirrikjedi bosta ħidma fiżika, sabar, u kontroll sħiħ tal-materjal għal żmien twil.

Fis-soċjetà Maltija r-reliġjon ipprovdiet l-ideat u t-toroq ipprovdew il-post. Jiġifieri pprovdew il-kantunieri u l-bini għal dawn l-ideat li jinsabu fin-niċeċ tal-irħula. Tant hu hekk li għandna purċissjoni sħiħa ta' statwi, xi wħud minnhom jitqiegħdu f'niċeċ dekorattivi wkoll. Is-suġġetti ta' dawn in-niċeċ jitrekknu bl-intimità: il-bniedem isir intimu mal-figuri reliġjużi tal-ambjent tiegħu kemm jekk in-niċċa ssir b'tifkira ta' xi tiġrib jew esperjenza partikolari u kemm jekk issir f'ġieħ xi qaddis jew qaddisa. Imma huwa l-ambjent, bosta drabi, li jiddettalu lill-bniedem xi jpoġġi f'niċċa jew fuq pedestall għax il-qima hija aktarx marbuta mal-qaddis patrun tar-raħal jew tal-belt. Bit-tiswir ta' dawn ix-xbihat il-bniedem irid iżomm kuntatt mar-reliġjon tiegħu.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(l-iskultura titlob ħafna ħsieb u xogħol; l-iskultura tiddependi fuq l-ambjent fejn tintgħamel)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "xbieha" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Semitiku*)
b) Għaliex għandna bżonnu l-Malti? *(Għax huwa wirt nazzjonali/għall-identità nazzjonali tagħna)*

## **Il-Kultura:** Ir-Riti tal-Passaġġ

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Il-Mewt



1. Iddeskrivi dak li qed tara fl-istampa.
2. Għaliex isir funeral meta jmut xi ħadd?
3. In-nies li hemm fir-ritratt kif qegħdin juru r-rispett tagħhom lejn il-mejjet?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**22** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **18 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Għamara

Il-kultura hawn Malta, influwenzata bil-kbir mill-Ewropa, ippermettiet tul it-tgerbiba taż-żmien għamliet speċjalizzati ta' għamara — għamliet li mhux bilfors kienu parti mill-esperjenza ta' popli oħra barra mill-Ewropa. L-għamara timxi mal-ambjent u maż-żmien u allura dak li nsibu hawn ma nsibuhx, ngħidu aħna, fl-Afrika u fl-Asja tal-imgħoddi. Barra minn hekk, fl-iżvilupp tat-tfassil nilmħu tendenzi li jidħlu f'xulxin għax l-elementi ta' stil ma jiqfux f'daqqa imma jitħalltu ma' oħrajn f'mixja kontinwa fis-sengħa tal-karpinterija li tagħti stili differenti.

Ix-xejra ta' epoka x'aktarx tissawwar mill-ħsibijiet tal-ħakkiema barranin li kellna u b'hekk nistgħu ngħidu li l-għamara Maltija dejjem imxiet mal-moda Ewropea. L-oqsma għonja tas-soċjetà kellhom l-imgħallmin tagħhom li setgħu jżewqu l-funzjoni mal-gosti artistiċi u dekorattivi għall-ifjen prodott li seta' jgħolli ġieħ is-sinjur. Imma l-irħula mal-ewwel kienu jaddattaw għall-użu prattiku tagħhom u allura fit-talent raħli nsibu stili modesti li kienu jaqdu lill-familja komuni fil-ħajja tagħha. Għalhekk, meta tinqara l-ġrajja tal-għamara Maltija wieħed jagħraf id-differenza bejn l-għamara tas-sinjur u dik tal-fqir.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(l-għamara tkun influwenzata mill-ambjent u miż-żmien; hemm differenza bejn l-għamara tal-għani u dik tal-fqir)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:** a) Il-kelma "għamara" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Semitiku*)

b) X'jiswielna l-Ingliż lilna l-Maltin? *(Għall-komunikazzjoni mal-bqija tad-dinja/lingwa internazzjonali/ parti minn wirtna)*

## **Il-Kultura:** Xogħlijiet, Snajja' u Professjonijiet

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Professjonijiet u Xogħlijiet





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Kull xogħol għandu t-tbatija tiegħu. X'taħseb?
3. X'vantaġġ/i għandha t-teknoloġija llum?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**23** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **18 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Id-Dgħajsa

Id-dgħajsa Maltija mxiet bl-imqadef, bil-qlugħ, u bil-magni u fl-evoluzzjoni tagħha adattat ideat teknoloġiċi li sawru l-karatteristika tagħha. Imma l-ġrajja tad-dgħajsa Maltija trid tibda bħal kull ġrajja oħra: mill-bidu nett.

Sa miż-żminijiet primittivi, il-bniedem ivvinta ħafna għodod biex jikkaċċja bihom, u jekk l-għadajjar u l-baħar kienu jimblokkawlu triqtu l-bniedem-kaċċatur kien jgħum san-naħa l-oħra sakemm tgħallem iżomm ma' zokk li kien ikun jgħum mal-kurrenti. Din kienet l-ewwel forma ta' mirkeb il-baħar li qatt kellu l-bniedem. Għal bosta żmien il-bniedem bikri baqa' jivvjaġġa fuq iz-zkuk jgħumu f'wiċċ l-ilma. U dan x'aktarx li kien l-uniku mezz ta' trasport marittimu sakemm xi ħadd irnexxielu jitla' bilqiegħda fuq iz-zokk u jaqdef b'idejh. Aktar 'il quddiem ġiet l-idea li rikkieb iz-zokk jista' jinqeda b'għuda ċatta biex jaqdef aktar effettivament. Biż-żmien sar aktar tibdil. Xi wħud rabtu għadd ta' zkuk ma' xulxin biex jagħmlu ċattra, filwaqt li bnadi oħra bdew iħaffru zkuk sħaħ ta' siġar biex jagħmlu l-kenuri komdi u inqas ta' periklu.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(id-dgħajsa Maltija kellha ħafna modi biex timxi bihom; fl-iżvilupp tad-dgħajsa l-bniedem fittex il-kumdità u l-ħelsien mill-periklu)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "qlugħ" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Semitiku*)
b) Liema huma l-lingwi li l-aktar qegħdin jinfluwenzaw il-Malti llum u għaliex? *(L-Ingliż u t-Taljan. Għax ħafna mill-programmi tat-televixin huma bl-Ingliż u bit -Taljan)*

# **Il-Kultura:** Il-Mużika

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## It-Terramaxka u l-Elettronika





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Għaliex kienet tintuża l-mużika fit-toroq fl-imgħoddi?
3. Kif qiegħed jgħin lill-bniedem il-progress fil-mużika?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**24** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **18 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Edukazzjoni

L-edukazzjoni f'Malta għandha l-ġrajja tagħha. Is-soċjetà tal-imgħoddi kienet aktarx statika u ftit kienu dawk li jedukaw ruħhom. Il-biċċa l-kbira kienu jaqbdu t-triq tal-ġenituri tagħhom u allura kienu joqogħdu jistennew sa ma jasal il-waqt tagħhom. Imma ż-żminijiet inbidlu u s-soċjetà riedet tkun aktar dinamika. Issa kulħadd irid jirċievi xi forma ta' edukazzjoni tant li d-dritt għall-edukazzjoni tniżżel mad-drittijiet umani. Il-ħtieġa għall-edukazzjoni ġiet l-aktar mill-bidliet soċjali u teknoloġiċi li seħħew fis-sekli 19 u 20 f'Malta.

U ma' dawn il-bidliet insibu li anki l-funzjoni tal-għalliem kellha tinbidel biex issir aktar ċentrali fis-soċjetà. Fejn qabel l-għalliem kien biss iwassal ħiliet ġodda, issa jrid ukoll jiggwida lill-istudenti lejn maturità personali u attitudnijiet soċjali li huma kostruttivi. Ma għandniex xi ngħidu, dan jitlob tħarriġ u tagħlim xieraq biex għalliem ikun kapaċi jwettaq dawn ir-responsabilitajiet kollha. Fis-seklu 20 is-sejħa kienet għal titjib soċjali u riformi fl-edukazzjoni, għal opportunitajiet indaqs, u biex l-edukazzjoni tkun aktar toqgħod għall-interessi u l-kapaċitajiet tal-individwu.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(il-bidla fis-soċjetà ġabet ħtieġa kbira għall-edukazzjoni; ir-responsabilitajiet tal-għalliema nbidlu mal-progress)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**

a) Il-kelma "tagħlim" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Semitiku*)

b) Għaliex tajjeb nitgħallmu aktar minn lingwa waħda? *(Għax irridu nifhmu popli differenti/biex nikkomunikaw aħjar ma' ħaddieħor)*

## **Il-Kultura:** Passatempi

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Sports u Logħob






1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Għal xiex iservi l-isport?
3. X'vantaġġi/żvantaġġi hemm fil-logħob ta' barra?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**25** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **18 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Id-Drawwiet

F'komunità żgħira bħal tagħna nsibu li ħafna mid-drawwiet huma marbutin mal-ħajja tar-raħal. U għalhekk ir-relazzjonijiet bejnietna x'aktarx isiru wiċċ imb wiċċ. Però minħabba raġunijiet soċjali qed ikun hemm bosta ċaqliq minn raħal għal ieħor u minn distrett għal ieħor, u allura d-drawwiet donnhom qed ikollhom inqas permanenza. Dan għax qed ikun hemm ħafna aktar kuntatti ma' aspetti differenti tal-progress.

Id-drawwiet kienu qawwijin meta kien hemm aktar qrubija fir-raħal Malti. Ir-raħal kien iservi bħala l-bażi tal-kooperazzjoni ekonomika u soċjali. Kien jiddetermina l-karattru tal-individwu u l-attivitajiet soċjali. Iċ-ċokon kien jillimita d-differenzi u l-mentalità kienet tibqa' marbuta ma' dan ċ-ċokon. Mill-fdalijiet tradizzjonali nifhmu ftit aktar lil missirijietna u 'l ommijietna li għexu f'atmosfera soċjali mgħoddija. U ta' min iżid li d-drawwiet u t-twemmin mhumiex biss tar-raħħala jew tal-popolin imma anki tan-nies edukati u mlaħħqin. Jiġifieri, il-livell ta' ħsieb li jnixxi mid-drawwiet jirrappreżenta għamla ta' kultura skont il-ġrajja Maltija u l-mixja nazzjonali tal-ħajja tal-Maltin.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(id-drawwiet qed ibatu għax hemm ħafna ċaqliq fis-soċjetà; id-drawwiet jirriflettu l-kultura tal-pajjiż)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**

a) Il-kelma "komunità" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Romanz*)

b) Għaliex taħseb li l-Ingliż u t-Taljan qegħdin jinfluwenzaw il-Malti? *(Minħabba l-kuntatti kulturali u kummerċjali li għandna mad-dinja/ Minħabba x-xandir bl-Ingliż u bit-Taljan.)*

# **Il-Kultura:** Ir-Raħal/il-Belt fejn Toqgħod

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## Il-Ħajja fil-Belt/fir-Raħal



1. Iddeskrivi l-istampa ta' hawn fuq.
2. Kif tiddeskrivi l-ħajja tal-lum fil-belt jew raħal fejn toqgħod?
3. X'tip ta' kumditajiet issib fil-belt jew raħal tiegħek?

ĊES22/1.oe26-30.12m

**Il-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**Għall-użu tal-Eżaminaturi**

## SKEMA TA' MARKI GĦALL-ORAL TAL-MALTI

L-eżaminaturi għandhom jimxu ma' dawn il-linji gwida meta jagħtu l-marki lill-kandidati.

L-ewwel parti – SILTA GĦALL-QARI

1. **Il-Qari:** (**3 marki** għall-ħila u l-kompetenza fil-qari). Il-qari jrid ikun bi spid normali: la mgħaġġel iżżejjed u lanqas bil-mod iżżejjed. Il-kandidat irid jaqra l-paragrafu kollu (bejn wieħed u ieħor, kull paragrafu għandu 150 kelma.)
2. **L-Għoti tal-ħsieb ewlieni fi kliemhom:** (**3 marki** għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb. Naqqas marka jekk il-ħsieb ewlieni ma jkunx fi kliemhom.)

It-tieni parti – GĦARFIEN LINGWISTIKU U KULTURALI

Il-marki jitqassmu hekk:
**Il-Lingwa:**
- **3 marki** għat-(2a) = tagħrif (fejn ikun hemm id-dubju fuq nisel il-kelma, il-benefiċċju jmur favur il-kandidat, eż: il-kandidat isemmi l-kelma "progress" li ġejja mill-Ingliż u int jidhirlek li ġejja mit-Taljan – agħtihielu tajba minħabba li l-eżempju tiegħu joqrob lejn iż-żewġ lingwi u allura hu jkun qed juri li almenu jaf id-differenza bejn is-Semitiku u n-non-Semitiku)
- **marka** għat-(2b) = espressjoni (it-tweġiba tista' tkun fil-qosor ħafna, anki kelma waħda u aċċetta t-tweġibiet kollha li jistgħu joqogħdu għax jista' jkun hemm aktar minn tweġiba waħda – imma l-kandidat biżżejjed jagħti waħda biex jieħu l-marka.)

**Il-Kultura:**
- **3 marki** għall-(1) = għarfien u interpretazzjoni (din hija l-aktar mistoqsija importanti. Il-kandidat irid jiddeskrivi u/jew iqabbel kulma hemm fl-istampi; jista' jżid xi tagħrif kulturali li jkun studja b'rabta mas-suġġett tal-istampi. Importanti li jgħid xi ħaġa fuq kull stampa.)
- **marka** għat-(2) = espressjoni (hawnhekk il-kandidat jista' jagħti li jrid basta jkollu x'jaqsam mas-suġġett: it-tweġiba tista' tkun ibbażata fuq is-sens komun: aċċetta wkoll tweġibiet qosra)
- **marka** għat-(3) = espressjoni (hawnhekk il-kandidat jista' jagħti li jrid basta jkollu x'jaqsam mas-suġġett: it-tweġiba tista' tkun ibbażata fuq is-sens komun: aċċetta wkoll tweġibiet qosra)

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**26** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **19 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## It-Tjur

Il-bniedem jinqeda bit-tjur għal bosta ħwejjeġ. Ħafna tjur għandhom laħamhom tajjeb għall-ikel u l-bajd tagħhom huwa meqjus sustanzjuż għall-bniedem. F'kull naħa tad-dinja nsibu ikel ta' din ix-xorta, u hawn Malta l-aktar li jittiekel huwa t-tajr iddomestikat bħat-tiġieġ, il-ħamiem, il-papri, u d-dundjani. Imma jittiekel ukoll il-gamiem u s-summien. Ir-rix ġieli jintuża bħala element ta' lbies jew ta' dekorazzjoni, u f'xi nħawi tad-dinja anki bħala indikazzjoni ta' stat soċjali.

L-għasafar fil-gaġeġ, il-bniedem jużahom sabiex iqajmu u jsebbħu d-dar fejn jgħammar għax jagħtu l-ħajja lill-post bl-ilwien u bl-għana tagħhom u jżommulu kumpanija. Jintużaw ukoll fl-isports u fil-kaċċa. Storikament missirijietna kienu jagħmlu suq tajjeb mit-tjur u saħansitra l-falkun anki kien jagħti sehmu fil-politika. U qabel il-mezzi moderni tal-komunikazzjoni, l-għasafar kienu jaħdmu wkoll bħala messaġġiera. L-għasfur imħarreġ bħala messaġġier instab utli ħafna fi żmien ta' gwerra u ilu jintuża fil-Punent mill-bidu tal-era Nisranija u baqa' jintuża għal żmien twil saħansitra anki fit-Tieni Gwerra Dinjija tas-seklu 20.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(it-tjur lill-bniedem jagħtuh l-ikel, ilbies, u tiżjin; it-tjur jintużaw ukoll għall-isports, politika, u komunikazzjoni)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**

a) Il-kelma "għasafar" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Semitiku*)

b) Għaliex għandna bżonn nitgħallmu l-Ingliż minbarra l-Malti? *(Għax huwa lingwa internazzjonali/għax huwa parti mill-wirt storiku tagħna.)*

## **Il-Kultura:** Il-Mużika

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### L-Għana u l-Mużika *Pop*





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. X'tiswielu l-mużika lill-bniedem?
3. Illum għad għandna bżonnha l-mużika?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**
**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**27** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **19 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Ix-Xandir

L-innovazzjoni kulturali li ġab miegħu s-seklu 20 bix-xandir tista' titqabbel fl-importanza tagħha mal-invenzjoni tal-istampar: it-tnejn sabu udjenza ħerqana biex tirċievi dak kollu li kien mogħti lilha. Ix-xandir, jew it-trażmissjoni bir-radju u t-televixin ta' programmi maħsuba għall-pubbliku ġenerali, jista' jitfisser bħala tixrid sistematiku ta' divertiment, tagħrif, edukazzjoni, u dokumentarji siewja għal udjenza mxerrda li trid tirċievi dawn il-programmi f'daqqa b'xi apparat xieraq.

Ix-xandir jista' jkun indirizzat lejn is-smigħ jew lejn il-ħars, jew inkella lejn it-tnejn f'daqqa. U twieldet industrija sħiħa li ġibdet magħha bosta oqsma, bħall-qasam tekniku, dak artistiku, u dak professjonali. Ittellgħu strutturi għat-trażmissjoni ta' programmi. U żviluppaw servizzi biex jaqdu lill-pubbliku u lil din l-industrija l-ġdida. Bħala trażmissjoni sistematika x-xandir bis-sawnd jitqies li beda fl-1920; hawn Malta s-settijiet tar-radju bdew deħlin fl-1920. Filwaqt li x-xandir televiżiv beda fl-1936, u hawn Malta fl-1957. Kull pajjiż beda mbagħad jirregola x-xandir tiegħu u joħloq liġijiet, liċenzji, u permessi għal min ried jittrażmetti u għal min ried jirċievi.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(ix-xandir huwa importanti għax ixerred il-kultura; il-pajjiżi bdew jagħmlu r-regoli tagħhom biex jikkontrollaw ix-xandir tagħhom)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "sawnd" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Ingliż*)
b) X'vantaġġ għandu l-użu tal-Ingliż fit-turiżmu Malti? *(It-turisti li jiġu minn pajjiżi differenti jkunu jafu l-Ingliż u jistgħu jikkomunikaw faċilment mal-Maltin)*

## **Il-Kultura:** Ħrejjef u Leġġendi

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Ħrejjef u Leġġendi





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. X'inhu s-siwi tal-istejjer llum?
3. Fisser fil-qosor id-differenza bejn ħrafa u leġġenda.

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**28** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **19 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Ġardinaġġ

B'ġardinaġġ nifhmu t-tkabbir ta' xtieli għall-qligħ jew għall-gost, il-kura ta' xi mixtla jew ġnien, il-kultivazzjoni ta' biċċa art għat-tkabbir ta' fjuri, frott, u ħxejjex għall-użu privat jew bħala ikel domestiku. Dan kollu jrid jinftiehem bħala arti u bħala xjenza. L-ippjanar fil-ġardinaġġ għandu jikkumplimenta l-bini u għalhekk fil-ħsieb tal-bniedem jintiseġ mal-arkitettura. U għalkemm il-prinċipji bażiċi involuti fil-kultivazzjoni tal-pjanti huma l-istess kullimkien, il-ġardinaġġ ikollu jadatta ruħu għall-kondizzjonijiet lokali.

L-introduzzjoni ta' pjanti minn ambjenti oħra kibret ma' kullimkien. U minħabba li mal-introduzzjoni ta' pjanta barranija bdew deħlin anki insetti ġodda, inħolqot il-ħtieġa ta' kwarantina għax-xtieli. Dan ġab aktar studju u riċerka, u kull pajjiż beda jkollu aktar varjetajiet. Malta wkoll tat sehemha f'dawn l-attivitajiet kollha. Il-mixtla ta' Wied Inċita saret stazzjon intermedju għat-tnissil u t-tkabbir ta' pjanti indiġeni u barranin. Kaġun ta' din ir-riċerka u l-esperimentazzjoni kollha issa nistgħu niddeskrivu l-ambjent naturali Malti aktar, nevitaw il-mard tax-xtieli, u nużaw l-għodda xierqa għall-ambjent tagħna.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(il-ġardinaġġ għandu kemm mill-arti u kemm mix-xjenza; il-ġardinaġġ ġab miegħu ħafna studji fuq l-ambjent naturali)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**

a) Il-kelma "għodda" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Semitiku*)

b) Taħseb li hija ħaġa tajba li l-Ingliż u t-Taljan qegħdin jinfluwenzaw il-Malti? Għaliex? *(Iva għax tistagħna l-lingwa/Le għax iħassru l-Malti.)*

# **Il-Kultura:** Ir-Riti tal-Passaġġ

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## Iż-Żwieġ





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. L-istampa tat-tieġ fl-imgħoddi x'għandha speċjali?
3. X'importanza għandhom il-fjuri f'tieġ illum?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**29** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **19 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Ħut

Ir-rabtiet li l-Gżejjer Maltin għandhom mal-ħut jidhru f'aspetti differenti. Ġeografikament Malta għandha għamla ta' ħuta. Imma minħabba li Malta, Għawdex, u Kemmuna huma gżejjer, bosta mill-ekonomija tagħhom kienet u għadha tiddependi mis-sajd. Il-ħut huwa importanti fl-ekonomija tal-baħar ukoll għax jiekol organiżmi iżgħar minnu u jittiekel minn ħlejjaq akbar minnu. Minħabba li tista' ssibu fi kwantitajiet kbar u minħabba li jista' jinqabad faċilment, il-ħut minn dejjem kien parti mill-ikel imfittex mill-bniedem.

Bosta huma dawk il-pajjiżi li għandhom l-industrija tas-sajd qawwija. Lill-bniedem il-ħut mhux biss jagħtih l-ikel imma anki prodotti siewja bħal żejt u kolla. Barra minn hekk, is-sajd huwa delizzju ta' bosta. Imma għalkemm is-sajd huwa ta' ħtieġa kbira, il-bniedem irid jibża' għal din ir-riżorsa għax tieħu bla trodd is-swar tħott u l-ħmieġ u t-tinġis jeqred bosta ħut. Għalhekk tajjeb li nkomplu niżviluppaw kultura ta' kura fil-baħar biex qabel xejn l-ambjent ikun dejjem nadif u biex il-ħut iż-żgħir ma noqtluhx ħalli jkollu ċ-ċans jikber u jkattar.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(il-ħut huwa importanti għall-ekonomija tal-pajjiż; il-bniedem irid jieħu ħsieb ir-riżorsa tal-ħut)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "ċans" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Ingliż*)
b) Liema huma l-lingwi l-aktar li jiswewlna llum lilna l-Maltin? *(Il-Malti u l-Ingliż)*

# **Il-Kultura:** Xogħlijiet, Snajja' u Professjonijiet

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

Xogħlijiet





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Kull xogħol għandu is-sabiħ tiegħu. X'taħseb?
3. Għaliex kien hemm aktar tbatija fl-imgħoddi?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**30** **Għall-użu tal-Eżaminaturi** **19 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Kotba

Fl-ewwel nofs tas-seklu 20 it-tfal kienu jingħataw qari tal-kbar li kien tajjeb għalihom għax kienu jarawhom adulti żgħar, ħlejjaq li l-missjoni waħdanija tagħhom kienet il-maturità skont kif jifhmuha l-kbar. Fit-tieni nofs tas-seklu 20, wara l-Indipendenza meta l-Malti beda jlaħħaq aktar mal-progress tas-seklu 20, id-dehra tat-tfal bdiet tinbidel minħabba li faqqas l-għarfien li t-tfal kellhom il-bżonnijiet speċjali tagħhom. Fis-sebgħinijiet il-kittieba żgħażagħ ippreżentaw tfal realistiċi fi stejjer ta' fantasija u avventura. U ma' dawn nibet il-ħsieb li ħoloq ħlejjaq ta' ħlewwa l-ġmiel tagħhom. Gerbu s-snin u fid-disgħinijiet it-tfal fl-istejjer baqgħu konvinċenti u naturali imma f'dinja ta' fantasija.

Il-kotba huma komponent essenzjali mill-identità kulturali għax qegħdin jitqiesu aktar minn sempliċiment mezz li jwassal il-ferħ tal-qari lit-tfal. Ġieli jitqiesu bħala mod konvenjenti kif jgħallmuhom għax jgħallmuhom b'mod pożittiv dwar il-problemi taż-żmien u ta' pajjiżna. Minħabba f'hekk, il-letteratura tat-tfal qiegħda ġġorr piż kbir hi u turi l-klima taż-żmien u l-post biex tirrifletti s-soċjetà li ħolqitha.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(il-kotba għat-tfal tjiebu mal-mixja taż-żmien; il-kotba tat-tfal iwasslu l-identità kulturali tas-soċjetà)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**

a) Il-kelma "żgħażagħ" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba. (*Semitiku*)

b) Għaliex tajjeb nitgħallmu l-lingwi barranin? *(Biex nifhmu aktar lil xulxin/biex ikollna kummerċ aħjar ma' ħaddieħor)*

# **Il-Kultura:** Passatempi u Logħob

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## Passatempi






1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Għaliex it-tfal kienu jilagħbu aktar fit-toroq fl-imgħoddi?
3. X'vantaġġ/i għandu passatemp bħat-tfaddil tal-bolli?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**1** **Għall-użu tal-Kandidati** **12 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Mużika

Kull ċiviltà tipproduċi l-mużika distinta tagħha li tirrifletti s-soċjetà u l-mod ta' ħsieb ta' dik is-soċjetà. L-istess ħaġa jiġri maż-żmien. Kull żmien jipproduċi l-karatteristika tiegħu, u aħna llum irridu napprezzaw il-mużika tal-imgħoddi fil-kuntest tagħha mingħajr ma norbtuha mal-mużika ta' żmienna. L-apprezzament jitlob is-simpatija. Imma tajjeb li nżommu f'moħħna li l-mużika ta' poplu hija parti mill-kultura sħiħa tiegħu u ma tistax tiġi apprezzata f'iżolament.

Bosta drabi l-mużika tal-imgħoddi nkitbet minħabba xi ħtieġa li kien ikun hemm fis-soċjetà. It-talba għall-mużika x'aktarx li kienet tiġi minn xi istituzzjoni (bħall-Knisja jew l-Ordni ta' San Ġwann), jew minn xi mexxej (bħall-isqof jew il-gran mastru), jew mill-pubbliku li xtaq id-divertiment. Imma element importanti kien il-patrunat li kien jixħet fiduċja fil-kompożitur għax dan kien iserraħ rasu fuq il-qagħda finanzjarja u fuq il-pubbliku. Minħabba f'dan kollu l-gosti ftit kienu jinbidlu u kien hemm l-idea li l-qadim għandu jinżamm; u dan baqa' sa ma l-mużika bdiet tiġi aktar mezz ta' espressjoni ħielsa.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "mużika" hija ta' nisel Semitiku, Romanz jew Ingliż?
b) Għaliex għandna bżonnu l-Malti?

Jekk jogħġbok aqleb wara għall-parti tal-**Kultura...**

## **Il-Kultura:** Passatempi u Logħob

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Passatempi






1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Għaliex it-tfal kienu jilagħbu aktar fit-toroq fl-imgħoddi?
3. X'vantaġġ/i għandu passatemp bħat-tfaddil tal-bolli?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**2** **Għall-użu tal-Kandidati** **12 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Emigrazzjoni

F'pajjiżna l-emigrazzjoni mhux dejjem kienet selettiva u kellha konsegwenzi kbar fuq ix-xejra tal-progress ekonomiku u soċjali tagħna, u fuq il-pajjiżi li rċivew lill-Maltin fi ħdanhom. Mad-daqqa ta' għajn jidher li s-safar ma dgħajjifx wisq lill-gżejjer tagħna. Ma għandniex xi ngħidu, l-emigrazzjoni bagħtet bosta enerġija u ħila żagħżugħa 'l barra minn xtutna. Dan kien telf kbir għalina.

L-emigranti Maltin kellhom fl-art il-ġdida jħaddnu l-filosofija politika l-ġdida u għalhekk kien jixraq bosta drabi li jfittxu pajjiżi demokratiċi fejn joqogħdu. Barra minn hekk, kien jixraq ukoll li jipparteċipaw bħala ċittadini f'komunità ġdida. Fl-istess ħin kellhom iżommu xi rabtiet mal-kultura Maltija biex b'hekk iwasslu l-isem ta' Malta fl-artijiet imbegħdin.

L-aktar li emigraw il-Maltin minħabba n-nuqqas ta' xogħol u opportunitajiet li kien hawn f'xi perjodi. Imma kien hemm ukoll min emigra għax kellu fih is-sens ta' avventura jew għax ried jeħles minn xi sistema li dejqitu. F'kull każ imma l-emigrazzjoni kienet tfisser firda, sagrifiċċju, u tbatija.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "emigrazzjoni" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) X'jiswielna l-Ingliż lilna l-Maltin?

Jekk jogħġbok aqleg wara ghall-parti tal-**Kultura...**

# **Il-Kultura:** Xogħlijiet, Snajja' u Professjonijiet

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

Xogħlijiet





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Kull xogħol għandu is-sabiħ tiegħu. X'taħseb?
3. Għaliex kien hemm aktar tbatija fl-imgħoddi?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**3** **Għall-użu tal-Kandidati** **12 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Futbol

Il-futbol f'pajjiżna (wirt li ħallewlna l-Ingliżi) għandu l-ġrajja tiegħu li tixhed li huwa aktar minn sempliċiment sport: huwa ossessjoni. U bħala ossessjoni jitniżżel bħala karatteristika tas-sekli dsatax u għoxrin meta l-Malti kien konxju wisq tal-futbol f'sens soċjali u psikoloġiku. L-akkaniżmu għall-futbol daħal fil-klassi tal-ħaddiema u rawwem mentalità ta' ħidma kollettiva u organizzattiva li tista' tħalli frott sodisfaċenti. Barra minn hekk, l-assoċjazzjoni mal-Ingliżi għenet sabiex ftit ftit il-mentalità tal-bniedem komuni ma tibqax imjassra fl-inferjorità: iż-żagħżugħ tat-triq seta' jilgħab u jissielet maż-żagħżugħ ta' imperu kbir.

Fil-ġrajja tal-futbol nilmħu rappreżentanza soċjali mħallta. Għaliex hija l-ħila fiżika li hija meħtieġa u mhijiex il-qagħda soċjali jew finanzjarja li tagħmel plejer tajjeb. Il-logħba żviluppat minn waħda goffa għal waħda organizzata. Il-mixja mil-logħob goff, vjolenti, u bla kontroll għall-ordni u r-regolamenti kienet prodott tal-borgeżija industrijali li bdiet tinteressa ruħha f'element importanti li kien jinsab ukoll f'partita futbol. Dan l-element kien l-utilità ta' tim bħala strument għal taħriġ fil-karattru.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "futbol" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) Liema huma l-lingwi li l-aktar qegħdin jinfluwenzaw il-Malti llum u għaliex?

Jekk jogħġbok aqleg wara ghall-parti tal-**Kultura...**

## **Il-Kultura:** Ir-Riti tal-Passaġġ

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Iż-Żwieġ





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. L-istampa tat-tieġ fl-imgħoddi x'għandha speċjali?
3. X'importanza għandhom il-fjuri f'tieġ illum?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**4** **Għall-użu tal-Kandidati** **12 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Lingwa

Il-lingwa Maltija tal-lum tirrifletti sekli sħaħ ta' żvilupp. Il-ġrajjiet soċjali u politiċi, li tul it-tieni millennju affettwaw bis-sħiħ il-ħajja nazzjonali tal-poplu Malti, kellhom effetti qawwija fuq il-lingwa. Il-miġja tal-Għarab, il-ħakmiet Ewropej, u l-wasla tal-Ingliżi ġabu kuntatti sħaħ ma' ċiviltajiet differenti u ħadmu b'mod sinifikanti fuq il-lingwa li fil-qagħda preżenti tagħha kapaċi tikxef għeruq fondi Mediterranji u Ewropej. Kollox influwenzaha: il-kummerċ, l-industrija, il-politika, il-knisja, it-teknoloġija, in-navigazzjoni, l-isports — fil-qosor nistgħu ngħidu li l-lingwa Maltija fl-iżvilupp tagħha kollu tirrifletti l-ġrajja sħiħa tal-poplu Malti.

Bħal kull lingwa ħajja oħra, il-Malti jkollu joqgħod għall-iżviluppi li jikkaratterizzaw kull għamla ta' ħajja. Il-bidliet jitfaċċaw f'kull livell: fil-pronunzja, vokabolarju, grammatika, tifsir, eċċ. Il-Maltin tas-sena 2012 m'għadhomx jitkellmu bħall-Maltin tas-sena 1000. Iż-żminijiet inbidlu u l-lingwa kellha tgħaddi minn taħt l-inkwina ta' dawk il-bidliet. Imma ħaġa toħroġ ċerta minn dan kollu: li hemm rabta intima bejn il-lingwa u l-poplu li jitkellimha — tant hija intima li ma tistax ħafna drabi titkellem fuqhom separatament.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "lingwa" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) Għaliex tajjeb nitgħallmu aktar minn lingwa waħda?

Jekk jogħġbok aqleg wara ghall-parti tal-**Kultura...**

## **Il-Kultura:** Ħrejjef u Leġġendi

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Ħrejjef u Leġġendi





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. X'inhu s-siwi tal-istejjer llum?
3. Fisser fil-qosor id-differenza bejn ħrafa u leġġenda.

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**5** **Għall-użu tal-Kandidati** **12 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Arti

Bl-arti moderna l-bniedem tas-seklu 21 iħoss ħajtu tistagħna. Ma nistgħux nibqgħu bierda quddiem biċċa xogħol ta' arti għax anki jekk iddejjaqna u nwarrbuha tkun qaltilna xi ħaġa, u jekk togħġobna x'aktarx li titlobna nitħassbu fuq l-istennijiet tagħna. Imma mhux l-arti kollha qiegħda biex nieħdu gost biha. Is-soċjetà tagħna tagħrafha bħala mod leġittimu ta' espressjoni intellettwali, u l-istudju tal-arti spiss jitqies essenzjali għall-edukazzjoni liberali sħiħa. Imma x'tiswa l-arti fil-ħajja kontemporanja?

Il-bniedem jinqeda bl-arti biex jesprimi ruħu fuq xi esperjenza, biex ifisser xi ħsieb jew anki jirreġistra xi ġrajja jew idea. Jużaha wkoll biex isebbaħ u jżejjen madwaru jew inkella biex jipperswadi jew jaqbeż għal xi ħadd. Imma l-arti ntużat ukoll anki fi żmienna biex tinvestiga u tfittex definizzjonijiet oħra tar-realtà u, aktar minn hekk, biex tispjega lilha nfisha. L-id umana tibqa' titqanqal u titħarrek b'ħerqa u b'ħeġġa ħa tagħti wirja ta' ħila, twassal tifsiriet, u tinfexx fil-fantasija. Bl-arti l-bniedem jiżviluppa l-mod kif iħares lejn ħajtu.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "soċjetà" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) Għaliex taħseb li l-Ingliż u t-Taljan qegħdin jinfluwenzaw il-Malti?

Jekk jogħġbok aqleg wara ghall-parti tal-**Kultura...**

## **Il-Kultura:** Il-Mużika

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### L-Għana u l-Mużika *Pop*





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. X'tiswielu l-mużika lill-bniedem?
3. Illum għad għandna bżonnha l-mużika?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**6** **Għall-użu tal-Kandidati** **13 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Iskultura

L-istatwi fit-toroq Maltin u Għawdxin jirrakkontaw biċċa mill-ġrajja tal-iskultura tagħna. L-iskultura tirrappreżenta l-ħsieb f'għamla solida li tagħti xbieha. Il-bniedem ilu sekli sħaħ juża l-istatwi sabiex jagħti bixra umana lill-ambjent tiegħu. L-iskultura hija arti qadima ħafna u tirrikjedi bosta ħidma fiżika, sabar, u kontroll sħiħ tal-materjal għal żmien twil.

Fis-soċjetà Maltija r-reliġjon ipprovdiet l-ideat u t-toroq ipprovdew il-post. Jiġifieri pprovdew il-kantunieri u l-bini għal dawn l-ideat li jinsabu fin-niċeċ tal-irħula. Tant hu hekk li għandna purċissjoni sħiħa ta' statwi, xi wħud minnhom jitqiegħdu f'niċeċ dekorattivi wkoll. Is-suġġetti ta' dawn in-niċeċ jitrekknu bl-intimità: il-bniedem isir intimu mal-figuri reliġjużi tal-ambjent tiegħu kemm jekk in-niċċa ssir b'tifkira ta' xi tiġrib jew esperjenza partikolari u kemm jekk issir f'ġieħ xi qaddis jew qaddisa. Imma huwa l-ambjent, bosta drabi, li jiddettalu lill-bniedem xi jpoġġi f'niċċa jew fuq pedestall għax il-qima hija aktarx marbuta mal-qaddis patrun tar-raħal jew tal-belt. Bit-tiswir ta' dawn ix-xbihat il-bniedem irid iżomm kuntatt mar-reliġjon tiegħu.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "ambjent" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba
b) Għaliex għandna bżonn nitgħallmu l-Ingliż minbarra l-Malti?

Jekk jogħġbok aqleg wara għall-parti tal-**Kultura...**

## **Il-Kultura:** Ir-Raħal/il-Belt fejn Toqgħod

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Il-Ħajja fil-Belt/fir-Raħal



1. Iddeskrivi l-istampa ta' hawn fuq.
2. Kif tiddeskrivi l-ħajja tal-lum fil-belt jew raħal fejn toqgħod?
3. X'tip ta' kumditajiet issib fil-belt jew raħal tiegħek?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**7** **Għall-użu tal-Kandidati** **13 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Għamara

Il-kultura hawn Malta, influwenzata bil-kbir mill-Ewropa, ippermettiet tul it-tgerbiba taż-żmien għamliet speċjalizzati ta' għamara — għamliet li mhux bilfors kienu parti mill-esperjenza ta' popli oħra barra mill-Ewropa. L-għamara timxi mal-ambjent u maż-żmien u allura dak li nsibu hawn ma nsibuhx, ngħidu aħna, fl-Afrika u fl-Asja tal-imgħoddi. Barra minn hekk, fl-iżvilupp tat-tfassil nilmħu tendenzi li jidħlu f'xulxin għax l-elementi ta' stil ma jiqfux f'daqqa imma jitħalltu ma' oħrajn f'mixja kontinwa fis-sengħa tal-karpinterija li tagħti stili differenti.

Ix-xejra ta' epoka x'aktarx tissawwar mill-ħsibijiet tal-ħakkiema barranin li kellna u b'hekk nistgħu ngħidu li l-għamara Maltija dejjem imxiet mal-moda Ewropea. L-oqsma għonja tas-soċjetà kellhom l-imgħallmin tagħhom li setgħu jżewqu l-funzjoni mal-gosti artistiċi u dekorattivi għall-ifjen prodott li seta' jgħolli ġieħ is-sinjur. Imma l-irħula mal-ewwel kienu jaddattaw għall-użu prattiku tagħhom u allura fit-talent raħli nsibu stili modesti li kienu jaqdu lill-familja komuni fil-ħajja tagħha. Għalhekk, meta tinqara l-ġrajja tal-għamara Maltija wieħed jagħraf id-differenza bejn l-għamara tas-sinjur u dik tal-fqir.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "imgħallmin" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) X'vantaġġ għandu l-użu tal-Ingliż fit-turiżmu Malti?

Jekk jogħġbok aqleb wara għall-parti tal-**Kultura...**

## **Il-Kultura:** Passatempi

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Sports u Logħob






1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Għal xiex iservi l-isport?
3. X'vantaġġi/żvantaġġi hemm fil-logħob ta' barra?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**8** **Għall-użu tal-Kandidati** **13 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Id-Dgħajsa

Id-dgħajsa Maltija mxiet bl-imqadef, bil-qlugħ, u bil-magni u fl-evoluzzjoni tagħha adattat ideat teknoloġiċi li sawru l-karatteristika tagħha. Imma l-ġrajja tad-dgħajsa Maltija trid tibda bħal kull ġrajja oħra: mill-bidu nett.

Sa miż-żminijiet primittivi, il-bniedem ivvinta ħafna għodod biex jikkaċċja bihom, u jekk l-għadajjar u l-baħar kienu jimblokkawlu triqtu l-bniedem-kaċċatur kien jgħum san-naħa l-oħra sakemm tgħallem iżomm ma' zokk li kien ikun jgħum mal-kurrenti. Din kienet l-ewwel forma ta' mirkeb il-baħar li qatt kellu l-bniedem. Għal bosta żmien il-bniedem bikri baqa' jivvjaġġa fuq iz-zkuk jgħumu f'wiċċ l-ilma. U dan x'aktarx li kien l-uniku mezz ta' trasport marittimu sakemm xi ħadd irnexxielu jitla' bilqiegħda fuq iz-zokk u jaqdef b'idejh. Aktar 'il quddiem ġiet l-idea li rikkieb iz-zokk jista' jinqeda b'għuda ċatta biex jaqdef aktar effettivament. Biż-żmien sar aktar tibdil. Xi wħud rabtu għadd ta' zkuk ma' xulxin biex jagħmlu ċattra, filwaqt li bnadi oħra bdew iħaffru zkuk sħaħ ta' siġar biex jagħmlu l-kenuri komdi u inqas ta' periklu.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "għuda" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) Taħseb li hija ħaġa tajba li l-Ingliż u t-Taljan qegħdin jinfluwenzaw il-Malti? Għaliex?

Jekk jogħġbok aqleg wara ghall-parti tal-**Kultura...**

## **Il-Kultura:** Il-Mużika

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

It-Terramaxka u l-Elettronika





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Għaliex kienet tintuża l-mużika fit-toroq fl-imgħoddi?
3. Kif qiegħed jgħin lill-bniedem il-progress fil-mużika?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**9** **Għall-użu tal-Kandidati** **13 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Edukazzjoni

L-edukazzjoni f'Malta għandha l-ġrajja tagħha. Is-soċjetà tal-imgħoddi kienet aktarx statika u ftit kienu dawk li jedukaw ruħhom. Il-biċċa l-kbira kienu jaqbdu t-triq tal-ġenituri tagħhom u allura kienu joqogħdu jistennew sa ma jasal il-waqt tagħhom. Imma ż-żminijiet inbidlu u s-soċjetà riedet tkun aktar dinamika. Issa kulħadd irid jirċievi xi forma ta' edukazzjoni tant li d-dritt għall-edukazzjoni tniżżel mad-drittijiet umani. Il-ħtieġa għall-edukazzjoni ġiet l-aktar mill-bidliet soċjali u teknoloġiċi li seħħew fis-sekli 19 u 20 f'Malta.

U ma' dawn il-bidliet insibu li anki l-funzjoni tal-għalliem kellha tinbidel biex issir aktar ċentrali fis-soċjetà. Fejn qabel l-għalliem kien biss iwassal ħiliet ġodda, issa jrid ukoll jiggwida lill-istudenti lejn maturità personali u attitudnijiet soċjali li huma kostruttivi. Ma għandniex xi ngħidu, dan jitlob tħarriġ u tagħlim xieraq biex għalliem ikun kapaċi jwettaq dawn ir-responsabilitajiet kollha. Fis-seklu 20 is-sejħa kienet għal titjib soċjali u riformi fl-edukazzjoni, għal opportunitajiet indaqs, u biex l-edukazzjoni tkun aktar toqgħod għall-interessi u l-kapaċitajiet tal-individwu.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:** a) Il-kelma "għalliem" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.

b) Liema huma l-lingwi l-aktar li jiswewlna llum lilna l-Maltin?

Jekk jogħġbok aqleg wara għall-parti tal-**Kultura...**

## **Il-Kultura:** Xogħlijiet, Snajja' u Professjonijiet

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Professjonijiet u Xogħlijiet






1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Kull xogħol għandu t-tbatija tiegħu. X'taħseb?
3. X'vantaġġ/i għandha t-teknoloġija llum?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**10** **Għall-użu tal-Kandidati** **13 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Id-Drawwiet

F'komunità żgħira bħal tagħna nsibu li ħafna mid-drawwiet huma marbutin mal-ħajja tar-raħal. U għalhekk ir-relazzjonijiet bejnietna x'aktarx isiru wiċċ imb wiċċ. Però minħabba raġunijiet soċjali qed ikun hemm bosta ċaqliq minn raħal għal ieħor u minn distrett għal ieħor, u allura d-drawwiet donnhom qed ikollhom inqas permanenza. Dan għax qed ikun hemm ħafna aktar kuntatti ma' aspetti differenti tal-progress.

Id-drawwiet kienu qawwijin meta kien hemm aktar qrubija fir-raħal Malti. Ir-raħal kien iservi bħala l-bażi tal-kooperazzjoni ekonomika u soċjali. Kien jiddetermina l-karattru tal-individwu u l-attivitajiet soċjali. Iċ-ċokon kien jillimita d-differenzi u l-mentalità kienet tibqa' marbuta ma' dan ċ-ċokon. Mill-fdalijiet tradizzjonali nifhmu ftit aktar lil missirijietna u 'l ommijietna li għexu f'atmosfera soċjali mgħoddija. U ta' min iżid li d-drawwiet u t-twemmin mhumiex biss tar-raħħala jew tal-popolin imma anki tan-nies edukati u mlaħħqin. Jiġifieri, il-livell ta' ħsieb li jnixxi mid-drawwiet jirrappreżenta għamla ta' kultura skont il-ġrajja Maltija u l-mixja nazzjonali tal-ħajja tal-Maltin.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(id-drawwiet qed ibatu għax hemm ħafna ċaqliq fis-soċjetà; id-drawwiet jirriflettu l-kultura tal-pajjiż)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**

a) Il-kelma "żgħira" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.

b) Għaliex tajjeb nitgħallmu l-lingwi barranin?

Jekk jogħġbok aqleb wara għall-parti tal-**Kultura...**

# **Il-Kultura:** Ir-Riti tal-Passaġġ

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## It-Twelid



1. Iddeskrivi dak li qed tara fl-istampa.
2. Xi jfisser it-twelid ta' tarbija għalik?
3. Kif jiġi ċċelebrat it-twelid ta' tarbija f'Malta?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**11** **Għall-użu tal-Kandidati** **16 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## It-Tjur

Il-bniedem jinqeda bit-tjur għal bosta ħwejjeġ. Ħafna tjur għandhom laħamhom tajjeb għall-ikel u l-bajd tagħhom huwa meqjus sustanzjuż għall-bniedem. F'kull naħa tad-dinja nsibu ikel ta' din ix-xorta, u hawn Malta l-aktar li jittiekel huwa t-tajr iddomestikat bħat-tiġieġ, il-ħamiem, il-papri, u d-dundjani. Imma jittiekel ukoll il-gamiem u s-summien. Ir-rix ġieli jintuża bħala element ta' lbies jew ta' dekorazzjoni, u f'xi nħawi tad-dinja anki bħala indikazzjoni ta' stat soċjali.

L-għasafar fil-gaġeġ, il-bniedem jużahom sabiex iqajmu u jsebbħu d-dar fejn jgħammar għax jagħtu l-ħajja lill-post bl-ilwien u bl-għana tagħhom u jżommulu kumpanija. Jintużaw ukoll fl-isports u fil-kaċċa. Storikament missirijietna kienu jagħmlu suq tajjeb mit-tjur u saħansitra l-falkun anki kien jagħti sehmu fil-politika. U qabel il-mezzi moderni tal-komunikazzjoni, l-għasafar kienu jaħdmu wkoll bħala messaġġiera. L-għasfur imħarreġ bħala messaġġier instab utli ħafna fi żmien ta' gwerra u ilu jintuża fil-Punent mill-bidu tal-era Nisranija u baqa' jintuża għal żmien twil saħansitra anki fit-Tieni Gwerra Dinjija tas-seklu 20.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "sports" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) Għaliex għandna bżonnu l-Malti?

Jekk jogħġbok aqleb wara għall-parti tal-**Kultura...**

# **Il-Kultura:** Mużika

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## Il-Mużika ta' Żmienna



1. Iddeskrivi dak li qed tara fl-istampa.
2. Għal xiex tintuża l-mużika llum?
3. Kif qiegħed jgħin lill-bniedem il-progress fil-mużika llum?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**12** **Għall-użu tal-Kandidati** **16 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Ix-Xandir

L-innovazzjoni kulturali li ġab miegħu s-seklu 20 bix-xandir tista' titqabbel fl-importanza tagħha mal-invenzjoni tal-istampar: it-tnejn sabu udjenza ħerqana biex tirċievi dak kollu li kien mogħti lilha. Ix-xandir, jew it-trażmissjoni bir-radju u t-televixin ta' programmi maħsuba għall-pubbliku ġenerali, jista' jitfisser bħala tixrid sistematiku ta' divertiment, tagħrif, edukazzjoni, u dokumentarji siewja għal udjenza mxerrda li trid tirċievi dawn il-programmi f'daqqa b'xi apparat xieraq.

Ix-xandir jista' jkun indirizzat lejn is-smigħ jew lejn il-ħars, jew inkella lejn it-tnejn f'daqqa. U twieldet industrija sħiħa li ġibdet magħha bosta oqsma, bħall-qasam tekniku, dak artistiku, u dak professjonali. Ittellgħu strutturi għat-trażmissjoni ta' programmi. U żviluppaw servizzi biex jaqdu lill-pubbliku u lil din l-industrija l-ġdida. Bħala trażmissjoni sistematika x-xandir bis-sawnd jitqies li beda fl-1920; hawn Malta s-settijiet tar-radju bdew deħlin fl-1920. Filwaqt li x-xandir televiżiv beda fl-1936, u hawn Malta fl-1957. Kull pajjiż beda mbagħad jirregola x-xandir tiegħu u joħloq liġijiet, liċenzji, u permessi għal min ried jittrażmetti u għal min ried jirċievi.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "televixin" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) X'jiswielna l-Ingliż lilna l-Maltin?

Jekk jogħġbok aqleb wara għall-parti tal-**Kultura...**

# **Il-Kultura:** Ir-Raħal/Il-Belt fejn Toqgħod

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## Il-Bini Modern



1. Iddeskrivi l-istampa ta' hawn fuq.
2. X'tip ta' bini modern hemm fil-belt jew raħal tiegħek?
3. Jekk fil-belt jew raħal tiegħek hemm xi roqgħa mhix mibnija kif tista' tiġi żviluppata għall-benefiċċju tan-nies?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**13** **Għall-użu tal-Kandidati** **16 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Ġardinaġġ

B'ġardinaġġ nifhmu t-tkabbir ta' xtieli għall-qligħ jew għall-gost, il-kura ta' xi mixtla jew ġnien, il-kultivazzjoni ta' biċċa art għat-tkabbir ta' fjuri, frott, u ħxejjex għall-użu privat jew bħala ikel domestiku. Dan kollu jrid jinftiehem bħala arti u bħala xjenza. L-ippjanar fil-ġardinaġġ għandu jikkumplimenta l-bini u għalhekk fil-ħsieb tal-bniedem jintiseġ mal-arkitettura. U għalkemm il-prinċipji bażiċi involuti fil-kultivazzjoni tal-pjanti huma l-istess kullimkien, il-ġardinaġġ ikollu jadatta ruħu għall-kondizzjonijiet lokali.

L-introduzzjoni ta' pjanti minn ambjenti oħra kibret ma' kullimkien. U minħabba li mal-introduzzjoni ta' pjanta barranija bdew deħlin anki insetti ġodda, inħolqot il-ħtieġa ta' kwarantina għax-xtieli. Dan ġab aktar studju u riċerka, u kull pajjiż beda jkollu aktar varjetajiet. Malta wkoll tat sehemha f'dawn l-attivitajiet kollha. Il-mixtla ta' Wied Inċita saret stazzjon intermedju għat-tnissil u t-tkabbir ta' pjanti indiġeni u barranin. Kaġun ta' din ir-riċerka u l-esperimentazzjoni kollha issa nistgħu niddeskrivu l-ambjent naturali Malti aktar, nevitaw il-mard tax-xtieli, u nużaw l-għodda xierqa għall-ambjent tagħna.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**

a) Il-kelma "fjuri" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.

b) Liema huma l-lingwi li l-aktar qegħdin jinfluwenzaw il-Malti llum u għaliex?

Jekk jogħġbok aqleg wara għall-parti tal-**Kultura...**

## **Il-Kultura:** Passatempi

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## Sports u Logħob





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Għal xiex iservi l-isport?
3. X'vantaġġi/żvantaġġi hemm fil-logħob ta' bilqiegħda?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**
**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**14** **Għall-użu tal-Kandidati** **16 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Ħut

Ir-rabtiet li l-Gżejjer Maltin għandhom mal-ħut jidhru f'aspetti differenti. Ġeografikament Malta għandha għamla ta' ħuta. Imma minħabba li Malta, Għawdex, u Kemmuna huma gżejjer, bosta mill-ekonomija tagħhom kienet u għadha tiddependi mis-sajd. Il-ħut huwa importanti fl-ekonomija tal-baħar ukoll għax jiekol organiżmi iżgħar minnu u jittiekel minn ħlejjaq akbar minnu. Minħabba li tista' ssibu fi kwantitajiet kbar u minħabba li jista' jinqabad faċilment, il-ħut minn dejjem kien parti mill-ikel imfittex mill-bniedem.

Bosta huma dawk il-pajjiżi li għandhom l-industrija tas-sajd qawwija. Lill-bniedem il-ħut mhux biss jagħtih l-ikel imma anki prodotti siewja bħal żejt u kolla. Barra minn hekk, is-sajd huwa delizzju ta' bosta. Imma għalkemm is-sajd huwa ta' ħtieġa kbira, il-bniedem irid jibża' għal din ir-riżorsa għax tieħu bla trodd is-swar tħott u l-ħmieġ u t-tinġis jeqred bosta ħut. Għalhekk tajjeb li nkomplu niżviluppaw kultura ta' kura fil-baħar biex qabel xejn l-ambjent ikun dejjem nadif u biex il-ħut iż-żgħir ma noqtluhx ħalli jkollu ċ-ċans jikber u jkattar.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:** a) Il-kelma "baħar" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.

b) Għaliex tajjeb nitgħallmu aktar minn lingwa waħda?

Jekk jogħġbok aqleg wara għall-parti tal-**Kultura...**

# **Il-Kultura:** Xogħlijiet, Snajja' u Professjonijiet

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## Professjonijiet





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Kull xogħol għandu s-sabiħ tiegħu. X'taħseb?
3. Semmi xi professjonijiet oħra li jagħtu servizz lill-poplu.

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**15** **Għall-użu tal-Kandidati** **16 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Kotba

Fl-ewwel nofs tas-seklu 20 it-tfal kienu jingħataw qari tal-kbar li kien tajjeb għalihom għax kienu jarawhom adulti żgħar, ħlejjaq li l-missjoni waħdanija tagħhom kienet il-maturità skont kif jifhmuha l-kbar. Fit-tieni nofs tas-seklu 20, wara l-Indipendenza meta l-Malti beda jlaħħaq aktar mal-progress tas-seklu 20, id-dehra tat-tfal bdiet tinbidel minħabba li faqqas l-għarfien li t-tfal kellhom il-bżonnijiet speċjali tagħhom. Fis-sebgħinijiet il-kittieba żgħażagħ ippreżentaw tfal realistiċi fi stejjer ta' fantasija u avventura. U ma' dawn nibet il-ħsieb li ħoloq ħlejjaq ta' ħlewwa l-ġmiel tagħhom. Gerbu s-snin u fid-disgħinijiet it-tfal fl-istejjer baqgħu konvinċenti u naturali imma f'dinja ta' fantasija.

Il-kotba huma komponent essenzjali mill-identità kulturali għax qegħdin jitqiesu aktar minn sempliċiment mezz li jwassal il-ferħ tal-qari lit-tfal. Ġieli jitqiesu bħala mod konvenjenti kif jgħallmuhom għax jgħallmuhom b'mod pożittiv dwar il-problemi taż-żmien u ta' pajjiżna. Minħabba f'hekk, il-letteratura tat-tfal qiegħda ġġorr piż kbir hi u turi l-klima taż-żmien u l-post biex tirrifletti s-soċjetà li ħolqitha.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "kotba" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) Għaliex taħseb li l-Ingliż u t-Taljan qegħdin jinfluwenzaw il-Malti?

Jekk jogħġbok aqleg wara għall-parti tal-**Kultura...**

# **Il-Kultura:** Ir-Riti tal-Passaġġ

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## Il-Mewt



1. Iddeskrivi dak li qed tara fl-istampa.
2. Għaliex isir funeral meta jmut xi ħadd?
3. In-nies li hemm fir-ritratt kif qegħdin juru r-rispett tagħhom lejn il-mejjet?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**16** **Għall-użu tal-Kandidati** **17 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Mużika

Kull ċiviltà tipproduċi l-mużika distinta tagħha li tirrifletti s-soċjetà u l-mod ta' ħsieb ta' dik is-soċjetà. L-istess ħaġa jiġri maż-żmien. Kull żmien jipproduċi l-karatteristika tiegħu, u aħna llum irridu napprezzaw il-mużika tal-imgħoddi fil-kuntest tagħha mingħajr ma norbtuha mal-mużika ta' żmienna. L-apprezzament jitlob is-simpatija. Imma tajjeb li nżommu f'moħħna li l-mużika ta' poplu hija parti mill-kultura sħiħa tiegħu u ma tistax tiġi apprezzata f'iżolament.

Bosta drabi l-mużika tal-imgħoddi nkitbet minħabba xi ħtieġa li kien ikun hemm fis-soċjetà. It-talba għall-mużika x'aktarx li kienet tiġi minn xi istituzzjoni (bħall-Knisja jew l-Ordni ta' San Ġwann), jew minn xi mexxej (bħall-isqof jew il-gran mastru), jew mill-pubbliku li xtaq id-divertiment. Imma element importanti kien il-patrunat li kien jixħet fiduċja fil-kompożitur għax dan kien iserraħ rasu fuq il-qagħda finanzjarja u fuq il-pubbliku. Minħabba f'dan kollu l-gosti ftit kienu jinbidlu u kien hemm l-idea li l-qadim għandu jinżamm; u dan baqa' sa ma l-mużika bdiet tiġi aktar mezz ta' espressjoni ħielsa.

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "ħsieb" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) Għaliex għandna bżonn nitgħallmu l-Ingliż minbarra l-Malti?

Jekk jogħġbok aqleg wara għall-parti tal-**Kultura...**

## **Il-Kultura:** Ir-Riti tal-Passaġġ

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### It-Twelid



1. Iddeskrivi dak li qed tara fl-istampa.
2. Xi jfisser it-twelid ta' tarbija għalik?
3. Kif jiġi ċċelebrat it-twelid ta' tarbija f'Malta?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**17** **Għall-użu tal-Kandidati** **17ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Emigrazzjoni

F'pajjiżna l-emigrazzjoni mhux dejjem kienet selettiva u kellha konsegwenzi kbar fuq ix-xejra tal-progress ekonomiku u soċjali tagħna, u fuq il-pajjiżi li rċivew lill-Maltin fi ħdanhom. Mad-daqqa ta' għajn jidher li s-safar ma dgħajjifx wisq lill-gżejjer tagħna. Ma għandniex xi ngħidu, l-emigrazzjoni bagħtet bosta enerġija u ħila żagħżugħa 'l barra minn xtutna. Dan kien telf kbir għalina.

L-emigranti Maltin kellhom fl-art il-ġdida jħaddnu l-filosofija politika l-ġdida u għalhekk kien jixraq bosta drabi li jfittxu pajjiżi demokratiċi fejn joqogħdu. Barra minn hekk, kien jixraq ukoll li jipparteċipaw bħala ċittadini f'komunità ġdida. Fl-istess ħin kellhom iżommu xi rabtiet mal-kultura Maltija biex b'hekk iwasslu l-isem ta' Malta fl-artijiet imbegħdin.

L-aktar li emigraw il-Maltin minħabba n-nuqqas ta' xogħol u opportunitajiet li kien hawn f'xi perjodi. Imma kien hemm ukoll min emigra għax kellu fih is-sens ta' avventura jew għax ried jeħles minn xi sistema li dejqitu. F'kull każ imma l-emigrazzjoni kienet tfisser firda, sagrifiċċju, u tbatija.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "xogħol" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) X'vantaġġ għandu l-użu tal-Ingliż fit-turiżmu Malti?

Jekk jogħġbok aqleb wara għall-parti tal-**Kultura...**

# **Il-Kultura:** Xogħlijiet, Snajja' u Professjonijiet

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## Professjonijiet





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Kull xogħol għandu s-sabiħ tiegħu. X'taħseb?
3. Semmi xi professjonijiet oħra li jagħtu servizz lill-poplu.

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**18** **Għall-użu tal-Kandidati** **17 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Futbol

Il-futbol f'pajjiżna (wirt li ħallewlna l-Ingliżi) għandu l-ġrajja tiegħu li tixhed li huwa aktar minn sempliċiment sport: huwa ossessjoni. U bħala ossessjoni jitniżżel bħala karatteristika tas-sekli dsatax u għoxrin meta l-Malti kien konxju wisq tal-futbol f'sens soċjali u psikoloġiku. L-akkaniżmu għall-futbol daħal fil-klassi tal-ħaddiema u rawwem mentalità ta' ħidma kollettiva u organizzattiva li tista' tħalli frott sodisfaċenti. Barra minn hekk, l-assoċjazzjoni mal-Ingliżi għenet sabiex ftit ftit il-mentalità tal-bniedem komuni ma tibqax imjassra fl-inferjorità: iż-żagħżugħ tat-triq seta' jilgħab u jissielet maż-żagħżugħ ta' imperu kbir.

Fil-ġrajja tal-futbol nilmħu rappreżentanza soċjali mħallta. Għaliex hija l-ħila fiżika li hija meħtieġa u mhijiex il-qagħda soċjali jew finanzjarja li tagħmel plejer tajjeb. Il-logħba żviluppat minn waħda goffa għal waħda organizzata. Il-mixja mil-logħob goff, vjolenti, u bla kontroll għall-ordni u r-regolamenti kienet prodott tal-borgeżija industrijali li bdiet tinteressa ruħha f'element importanti li kien jinsab ukoll f'partita futbol. Dan l-element kien l-utilità ta' tim bħala strument għal taħriġ fil-karattru.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(il-futbol biddel il-mentalità tal-Maltin; ħidma f'tim ittejjeb il-karattru tal-individwu)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "plejer" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) Taħseb li hija ħaġa tajba li l-Ingliż u t-Taljan qegħdin jinfluwenzaw il-Malti? Għaliex?

Jekk jogħġbok aqleg wara ghall-parti tal-**Kultura...**

## **Il-Kultura:** Passatempi

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta’ taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Sports u Logħob






1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Għal xiex iservi l-isport?
3. X’vantaġġi/żvantaġġi hemm fil-logħob ta’ bilqiegħda?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**19** **Għall-użu tal-Kandidati** **17 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Lingwa

Il-lingwa Maltija tal-lum tirrifletti sekli sħaħ ta' żvilupp. Il-ġrajjiet soċjali u politiċi, li tul it-tieni millennju affettwaw bis-sħiħ il-ħajja nazzjonali tal-poplu Malti, kellhom effetti qawwija fuq il-lingwa. Il-miġja tal-Għarab, il-ħakmiet Ewropej, u l-wasla tal-Ingliżi ġabu kuntatti sħaħ ma' ċiviltajiet differenti u ħadmu b'mod sinifikanti fuq il-lingwa li fil-qagħda preżenti tagħha kapaċi tikxef għeruq fondi Mediterranji u Ewropej. Kollox influwenzaha: il-kummerċ, l-industrija, il-politika, il-knisja, it-teknoloġija, in-navigazzjoni, l-isports — fil-qosor nistgħu ngħidu li l-lingwa Maltija fl-iżvilupp tagħha kollu tirrifletti l-ġrajja sħiħa tal-poplu Malti.

Bħal kull lingwa ħajja oħra, il-Malti jkollu joqgħod għall-iżviluppi li jikkaratterizzaw kull għamla ta' ħajja. Il-bidliet jitfaċċaw f'kull livell: fil-pronunzja, vokabolarju, grammatika, tifsir, eċċ. Il-Maltin tas-sena 2012 m'għadhomx jitkellmu bħall-Maltin tas-sena 1000. Iż-żminijiet inbidlu u l-lingwa kellha tgħaddi minn taħt l-inkwina ta' dawk il-bidliet. Imma ħaġa toħroġ ċerta minn dan kollu: li hemm rabta intima bejn il-lingwa u l-poplu li jitkellimha — tant hija intima li ma tistax ħafna drabi titkellem fuqhom separatament.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "qagħda" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) Liema huma l-lingwi l-aktar li jiswewlna llum lilna l-Maltin?

Jekk jogħġbok aqleg wara ghall-parti tal-**Kultura...**

# **Il-Kultura:** Ir-Raħal/Il-Belt fejn Toqgħod

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## Il-Bini Modern



1. Iddeskrivi l-istampa ta' hawn fuq.
2. X'tip ta' bini modern hemm fil-belt jew raħal tiegħek?
3. Jekk fil-belt jew raħal tiegħek hemm xi roqgħa mhix mibnija kif tista' tiġi żviluppata għall-benefiċċju tan-nies?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**20** **Għall-użu tal-Kandidat i** **17 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Arti

Bl-arti moderna l-bniedem tas-seklu 21 iħoss ħajtu tistagħna. Ma nistgħux nibqgħu bierda quddiem biċċa xogħol ta' arti għax anki jekk iddejjaqna u nwarrbuha tkun qaltilna xi ħaġa, u jekk togħġobna x'aktarx li titlobna nitħassbu fuq l-istennijiet tagħna. Imma mhux l-arti kollha qiegħda biex nieħdu gost biha. Is-soċjetà tagħna tagħrafha bħala mod leġittimu ta' espressjoni intellettwali, u l-istudju tal-arti spiss jitqies essenzjali għall-edukazzjoni liberali sħiħa. Imma x'tiswa l-arti fil-ħajja kontemporanja?

Il-bniedem jinqeda bl-arti biex jesprimi ruħu fuq xi esperjenza, biex ifisser xi ħsieb jew anki jirreġistra xi ġrajja jew idea. Jużaha wkoll biex isebbaħ u jżejjen madwaru jew inkella biex jipperswadi jew jaqbeż għal xi ħadd. Imma l-arti ntużat ukoll anki fi żmienna biex tinvestiga u tfittex definizzjonijiet oħra tar-realtà u, aktar minn hekk, biex tispjega lilha nfisha. L-id umana tibqa' titqanqal u titħarrek b'ħerqa u b'ħeġġa ħa tagħti wirja ta' ħila, twassal tifsiriet, u tinfexx fil-fantasija. Bl-arti l-bniedem jiżviluppa l-mod kif iħares lejn ħajtu.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "togħġobna" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) Għaliex tajjeb nitgħallmu l-lingwi barranin?

Jekk jogħġbok aqleg wara ghall-parti tal-**Kultura...**

## **Il-Kultura:** Mużika

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Il-Mużika ta' Żmienna



1. Iddeskrivi dak li qed tara fl-istampa.
2. Għal xiex tintuża l-mużika llum?
3. Kif qiegħed jgħin lill-bniedem il-progress fil-mużika llum?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**21** **Għall-użu tal-Kandidati** **18 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Iskultura

L-istatwi fit-toroq Maltin u Għawdxin jirrakkontaw biċċa mill-ġrajja tal-iskultura tagħna. L-iskultura tirrappreżenta l-ħsieb f'għamla solida li tagħti xbieha. Il-bniedem ilu sekli sħaħ juża l-istatwi sabiex jagħti bixra umana lill-ambjent tiegħu. L-iskultura hija arti qadima ħafna u tirrikjedi bosta ħidma fiżika, sabar, u kontroll sħiħ tal-materjal għal żmien twil.

Fis-soċjetà Maltija r-reliġjon ipprovdiet l-ideat u t-toroq ipprovdew il-post. Jiġifieri pprovdew il-kantunieri u l-bini għal dawn l-ideat li jinsabu fin-niċeċ tal-irħula. Tant hu hekk li għandna purċissjoni sħiħa ta' statwi, xi wħud minnhom jitqiegħdu f'niċeċ dekorattivi wkoll. Is-suġġetti ta' dawn in-niċeċ jitrekknu bl-intimità: il-bniedem isir intimu mal-figuri reliġjużi tal-ambjent tiegħu kemm jekk in-niċċa ssir b'tifkira ta' xi tiġrib jew esperjenza partikolari u kemm jekk issir f'ġieħ xi qaddis jew qaddisa. Imma huwa l-ambjent, bosta drabi, li jiddettalu lill-bniedem xi jpoġġi f'niċċa jew fuq pedestall għax il-qima hija aktarx marbuta mal-qaddis patrun tar-raħal jew tal-belt. Bit-tiswir ta' dawn ix-xbihat il-bniedem irid iżomm kuntatt mar-reliġjon tiegħu.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:** a) Il-kelma "xbieha" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.

b) Għaliex għandna bżonnu l-Malti?

Jekk jogħġbok aqleg wara ghall-parti tal-**Kultura...**

## **Il-Kultura:** Ir-Riti tal-Passaġġ

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Il-Mewt



1. Iddeskrivi dak li qed tara fl-istampa.
2. Għaliex isir funeral meta jmut xi ħadd?
3. In-nies li hemm fir-ritratt kif qegħdin juru r-rispett tagħhom lejn il-mejjet?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**22** **Għall-użu tal-Kandidati** **18 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Għamara

Il-kultura hawn Malta, influwenzata bil-kbir mill-Ewropa, ippermettiet tul it-tgerbiba taż-żmien għamliet speċjalizzati ta' għamara — għamliet li mhux bilfors kienu parti mill-esperjenza ta' popli oħra barra mill-Ewropa. L-għamara timxi mal-ambjent u maż-żmien u allura dak li nsibu hawn ma nsibuhx, ngħidu aħna, fl-Afrika u fl-Asja tal-imgħoddi. Barra minn hekk, fl-iżvilupp tat-tfassil nilmħu tendenzi li jidħlu f'xulxin għax l-elementi ta' stil ma jiqfux f'daqqa imma jitħalltu ma' oħrajn f'mixja kontinwa fis-sengħa tal-karpinterija li tagħti stili differenti.

Ix-xejra ta' epoka x'aktarx tissawwar mill-ħsibijiet tal-ħakkiema barranin li kellna u b'hekk nistgħu ngħidu li l-għamara Maltija dejjem imxiet mal-moda Ewropea. L-oqsma għonja tas-soċjetà kellhom l-imgħallmin tagħhom li setgħu jżewqu l-funzjoni mal-gosti artistiċi u dekorattivi għall-ifjen prodott li seta' jgħolli ġieħ is-sinjur. Imma l-irħula mal-ewwel kienu jaddattaw għall-użu prattiku tagħhom u allura fit-talent raħli nsibu stili modesti li kienu jaqdu lill-familja komuni fil-ħajja tagħha. Għalhekk, meta tinqara l-ġrajja tal-għamara Maltija wieħed jagħraf id-differenza bejn l-għamara tas-sinjur u dik tal-fqir.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "għamara" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) X'jiswielna l-Ingliż lilna l-Maltin?

Jekk jogħġbok aqleg wara għall-parti tal-**Kultura...**

## **Il-Kultura:** Xogħlijiet, Snajja’ u Professjonijiet

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta’ taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Professjonijiet u Xogħlijiet





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Kull xogħol għandu t-tbatija tiegħu. X’taħseb?
3. X’vantaġġ/i għandha t-teknoloġija llum?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**23** **Għall-użu tal-Kandidati** **18 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Id-Dgħajsa

Id-dgħajsa Maltija mxiet bl-imqadef, bil-qlugħ, u bil-magni u fl-evoluzzjoni tagħha adattat ideat teknoloġiċi li sawru l-karatteristika tagħha. Imma l-ġrajja tad-dgħajsa Maltija trid tibda bħal kull ġrajja oħra: mill-bidu nett.

Sa miż-żminijiet primittivi, il-bniedem ivvinta ħafna għodod biex jikkaċċja bihom, u jekk l-għadajjar u l-baħar kienu jimblokkawlu triqtu l-bniedem-kaċċatur kien jgħum san-naħa l-oħra sakemm tgħallem iżomm ma' zokk li kien ikun jgħum mal-kurrenti. Din kienet l-ewwel forma ta' mirkeb il-baħar li qatt kellu l-bniedem. Għal bosta żmien il-bniedem bikri baqa' jivvjaġġa fuq iz-zkuk jgħumu f'wiċċ l-ilma. U dan x'aktarx li kien l-uniku mezz ta' trasport marittimu sakemm xi ħadd irnexxielu jitla' bilqiegħda fuq iz-zokk u jaqdef b'idejh. Aktar 'il quddiem ġiet l-idea li rikkieb iz-zokk jista' jinqeda b'għuda ċatta biex jaqdef aktar effettivament. Biż-żmien sar aktar tibdil. Xi wħud rabtu għadd ta' zkuk ma' xulxin biex jagħmlu ċattra, filwaqt li bnadi oħra bdew iħaffru zkuk sħaħ ta' siġar biex jagħmlu l-kenuri komdi u inqas ta' periklu.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb. *(id-dgħajsa Maltija kellha ħafna modi biex timxi bihom; fl-iżvilupp tad-dgħajsa l-bniedem fittex il-kumdità u l-ħelsien mill-periklu)*

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "qlugħ" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) Liema huma l-lingwi li l-aktar qegħdin jinfluwenzaw il-Malti llum u għaliex?

Jekk jogħġbok aqleg wara għall-parti tal-**Kultura...**

# **Il-Kultura:** Il-Mużika

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## It-Terramaxka u l-Elettronika





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Għaliex kienet tintuża l-mużika fit-toroq fl-imgħoddi?
3. Kif qiegħed jgħin lill-bniedem il-progress fil-mużika?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**24** **Għall-użu tal-Kandidati** **18 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## L-Edukazzjoni

L-edukazzjoni f'Malta għandha l-ġrajja tagħha. Is-soċjetà tal-imgħoddi kienet aktarx statika u ftit kienu dawk li jedukaw ruħhom. Il-biċċa l-kbira kienu jaqbdu t-triq tal-ġenituri tagħhom u allura kienu joqogħdu jistennew sa ma jasal il-waqt tagħhom. Imma ż-żminijiet inbidlu u s-soċjetà riedet tkun aktar dinamika. Issa kulħadd irid jirċievi xi forma ta' edukazzjoni tant li d-dritt għall-edukazzjoni tnižżel mad-drittijiet umani. Il-ħtieġa għall-edukazzjoni ġiet l-aktar mill-bidliet soċjali u teknoloġiċi li seħħew fis-sekli 19 u 20 f'Malta.

U ma' dawn il-bidliet insibu li anki l-funzjoni tal-għalliem kellha tinbidel biex issir aktar ċentrali fis-soċjetà. Fejn qabel l-għalliem kien biss iwassal ħiliet ġodda, issa jrid ukoll jiggwida lill-istudenti lejn maturità personali u attitudnijiet soċjali li huma kostruttivi. Ma għandniex xi ngħidu, dan jitlob tħarriġ u tagħlim xieraq biex għalliem ikun kapaċi jwettaq dawn ir-responsabilitajiet kollha. Fis-seklu 20 is-sejħa kienet għal titjib soċjali u riformi fl-edukazzjoni, għal opportunitajiet indaqs, u biex l-edukazzjoni tkun aktar toqgħod għall-interessi u l-kapaċitajiet tal-individwu.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "tagħlim" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) Għaliex tajjeb nitgħallmu aktar minn lingwa waħda?

Jekk jogħġbok aqleg wara għall-parti tal-**Kultura...**

# **Il-Kultura:** Passatempi

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## Sports u Logħob






1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Għal xiex iservi l-isport?
3. X'vantaġġi/żvantaġġi hemm fil-logħob ta' barra?

# IL-BORD TAL-EŻAMIJIET
# GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
# L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

## L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA APRIL 2012

**25** **Għall-użu tal-Kandidati** **18 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Id-Drawwiet

F'komunità żgħira bħal tagħna nsibu li ħafna mid-drawwiet huma marbutin mal-ħajja tar-raħal. U għalhekk ir-relazzjonijiet bejnietna x'aktarx isiru wiċċ imb wiċċ. Però minħabba raġunijiet soċjali qed ikun hemm bosta ċaqliq minn raħal għal ieħor u minn distrett għal ieħor, u allura d-drawwiet donnhom qed ikollhom inqas permanenza. Dan għax qed ikun hemm ħafna aktar kuntatti ma' aspetti differenti tal-progress.

Id-drawwiet kienu qawwijin meta kien hemm aktar qrubija fir-raħal Malti. Ir-raħal kien iservi bħala l-bażi tal-kooperazzjoni ekonomika u soċjali. Kien jiddetermina l-karattru tal-individwu u l-attivitajiet soċjali. Iċ-ċokon kien jillimita d-differenzi u l-mentalità kienet tibqa' marbuta ma' dan ċ-ċokon. Mill-fdalijiet tradizzjonali nifhmu ftit aktar lil missirijietna u 'l ommijietna li għexu f'atmosfera soċjali mgħoddija. U ta' min iżid li d-drawwiet u t-twemmin mhumiex biss tar-raħħala jew tal-popolin imma anki tan-nies edukati u mlaħħqin. Jiġifieri, il-livell ta' ħsieb li jnixxi mid-drawwiet jirrappreżenta għamla ta' kultura skont il-ġrajja Maltija u l-mixja nazzjonali tal-ħajja tal-Maltin.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "komunità" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) Għaliex taħseb li l-Ingliż u t-Taljan qegħdin jinfluwenzaw il-Malti?

Jekk jogħġbok aqleg wara ghall-parti tal-**Kultura...**

## **Il-Kultura:** Ir-Raħal/il-Belt fejn Toqgħod

Ħares lejn din l-istampa biex titkellem fuqha. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Il-Ħajja fil-Belt/fir-Raħal



1. Iddeskrivi l-istampa ta' hawn fuq.
2. Kif tiddeskrivi l-ħajja tal-lum fil-belt jew raħal fejn toqgħod?
3. X'tip ta' kumditajiet issib fil-belt jew raħal tiegħek?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**
**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**26** **Għall-użu tal-Kandidati** **19 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## It-Tjur

Il-bniedem jinqeda bit-tjur għal bosta ħwejjeġ. Ħafna tjur għandhom laħamhom tajjeb għall-ikel u l-bajd tagħhom huwa meqjus sustanzjuż għall-bniedem. F'kull naħa tad-dinja nsibu ikel ta' din ix-xorta, u hawn Malta l-aktar li jittiekel huwa t-tajr iddomestikat bħat-tiġieġ, il-ħamiem, il-papri, u d-dundjani. Imma jittiekel ukoll il-gamiem u s-summien. Ir-rix ġieli jintuża bħala element ta' lbies jew ta' dekorazzjoni, u f'xi nħawi tad-dinja anki bħala indikazzjoni ta' stat soċjali.

L-għasafar fil-gaġeġ, il-bniedem jużahom sabiex iqajmu u jsebbħu d-dar fejn jgħammar għax jagħtu l-ħajja lill-post bl-ilwien u bl-għana tagħhom u jżommulu kumpanija. Jintużaw ukoll fl-isports u fil-kaċċa. Storikament missirijietna kienu jagħmlu suq tajjeb mit-tjur u saħansitra l-falkun anki kien jagħti sehmu fil-politika. U qabel il-mezzi moderni tal-komunikazzjoni, l-għasafar kienu jaħdmu wkoll bħala messaġġiera. L-għasfur imħarreġ bħala messaġġier instab utli ħafna fi żmien ta' gwerra u ilu jintuża fil-Punent mill-bidu tal-era Nisranija u baqa' jintuża għal żmien twil saħansitra anki fit-Tieni Gwerra Dinjija tas-seklu 20.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "għasafar" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) Għaliex għandna bżonn nitgħallmu l-Ingliż minbarra l-Malti?

Jekk jogħġbok aqleg wara ghall-parti tal-**Kultura...**

# **Il-Kultura:** Il-Mużika

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## L-Għana u l-Mużika *Pop*





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. X'tiswielu l-mużika lill-bniedem?
3. Illum għad għandna bżonnha l-mużika?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**
**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**27** **Għall-użu tal-Kandidati** **19 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Ix-Xandir

L-innovazzjoni kulturali li ġab miegħu s-seklu 20 bix-xandir tista' titqabbel fl-importanza tagħha mal-invenzjoni tal-istampar: it-tnejn sabu udjenza ħerqana biex tirċievi dak kollu li kien mogħti lilha. Ix-xandir, jew it-trażmissjoni bir-radju u t-televixin ta' programmi maħsuba għall-pubbliku ġenerali, jista' jitfisser bħala tixrid sistematiku ta' divertiment, tagħrif, edukazzjoni, u dokumentarji siewja għal udjenza mxerrda li trid tirċievi dawn il-programmi f'daqqa b'xi apparat xieraq.

Ix-xandir jista' jkun indirizzat lejn is-smigħ jew lejn il-ħars, jew inkella lejn it-tnejn f'daqqa. U twieldet industrija sħiħa li ġibdet magħha bosta oqsma, bħall-qasam tekniku, dak artistiku, u dak professjonali. Ittellgħu strutturi għat-trażmissjoni ta' programmi. U żviluppaw servizzi biex jaqdu lill-pubbliku u lil din l-industrija l-ġdida. Bħala trażmissjoni sistematika x-xandir bis-sawnd jitqies li beda fl-1920; hawn Malta s-settijiet tar-radju bdew deħlin fl-1920. Filwaqt li x-xandir televiżiv beda fl-1936, u hawn Malta fl-1957. Kull pajjiż beda mbagħad jirregola x-xandir tiegħu u joħloq liġijiet, liċenzji, u permessi għal min ried jittrażmetti u għal min ried jirċievi.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "sawnd" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) X'vantaġġ għandu l-użu tal-Ingliż fit-turiżmu Malti?

Jekk jogħġbok aqleg wara ghall-parti tal-**Kultura...**

## **Il-Kultura:** Ħrejjef u Leġġendi

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Ħrejjef u Leġġendi





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. X'inhu s-siwi tal-istejjer llum?
3. Fisser fil-qosor id-differenza bejn ħrafa u leġġenda.

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**28** **Għall-użu tal-Kandidati** **19 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Ġardinaġġ

B'ġardinaġġ nifhmu t-tkabbir ta' xtieli għall-qligħ jew għall-gost, il-kura ta' xi mixtla jew ġnien, il-kultivazzjoni ta' biċċa art għat-tkabbir ta' fjuri, frott, u ħxejjex għall-użu privat jew bħala ikel domestiku. Dan kollu jrid jinftiehem bħala arti u bħala xjenza. L-ippjanar fil-ġardinaġġ għandu jikkumplimenta l-bini u għalhekk fil-ħsieb tal-bniedem jintiseġ mal-arkitettura. U għalkemm il-prinċipji bażiċi involuti fil-kultivazzjoni tal-pjanti huma l-istess kullimkien, il-ġardinaġġ ikollu jadatta ruħu għall-kondizzjonijiet lokali.

L-introduzzjoni ta' pjanti minn ambjenti oħra kibret ma' kullimkien. U minħabba li mal-introduzzjoni ta' pjanta barranija bdew deħlin anki insetti ġodda, inħolqot il-ħtieġa ta' kwarantina għax-xtieli. Dan ġab aktar studju u riċerka, u kull pajjiż beda jkollu aktar varjetajiet. Malta wkoll tat sehemha f'dawn l-attivitajiet kollha. Il-mixtla ta' Wied Inċita saret stazzjon intermedju għat-tnissil u t-tkabbir ta' pjanti indiġeni u barranin. Kaġun ta' din ir-riċerka u l-esperimentazzjoni kollha issa nistgħu niddeskrivu l-ambjent naturali Malti aktar, nevitaw il-mard tax-xtieli, u nużaw l-għodda xierqa għall-ambjent tagħna.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:**
a) Il-kelma "għodda" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.
b) Taħseb li hija ħaġa tajba li l-Ingliż u t-Taljan qegħdin jinfluwenzaw il-Malti? Għaliex?

Jekk jogħġbok aqleb wara għall-parti tal-**Kultura...**

# **Il-Kultura:** Ir-Riti tal-Passaġġ

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

## Iż-Żwieġ





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. L-istampa tat-tieġ fl-imgħoddi x'għandha speċjali?
3. X'importanza għandhom il-fjuri f'tieġ illum?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**29** **Għall-użu tal-Kandidati** **19 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Ħut

Ir-rabtiet li l-Gżejjer Maltin għandhom mal-ħut jidhru f'aspetti differenti. Ġeografikament Malta għandha għamla ta' ħuta. Imma minħabba li Malta, Għawdex, u Kemmuna huma gżejjer, bosta mill-ekonomija tagħhom kienet u għadha tiddependi mis-sajd. Il-ħut huwa importanti fl-ekonomija tal-baħar ukoll għax jiekol organiżmi iżgħar minnu u jittiekel minn ħlejjaq akbar minnu. Minħabba li tista' ssibu fi kwantitajiet kbar u minħabba li jista' jinqabad faċilment, il-ħut minn dejjem kien parti mill-ikel imfittex mill-bniedem.

Bosta huma dawk il-pajjiżi li għandhom l-industrija tas-sajd qawwija. Lill-bniedem il-ħut mhux biss jagħtih l-ikel imma anki prodotti siewja bħal żejt u kolla. Barra minn hekk, is-sajd huwa delizzju ta' bosta. Imma għalkemm is-sajd huwa ta' ħtieġa kbira, il-bniedem irid jibża' għal din ir-riżorsa għax tieħu bla trodd is-swar tħott u l-ħmieġ u t-tinġis jeqred bosta ħut. Għalhekk tajjeb li nkomplu niżviluppaw kultura ta' kura fil-baħar biex qabel xejn l-ambjent ikun dejjem nadif u biex il-ħut iż-żgħir ma noqtluhx ħalli jkollu ċ-ċans jikber u jkattar.

### Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:** a) Il-kelma "ċans" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.

b) Liema huma l-lingwi l-aktar li jiswewlna llum lilna l-Maltin?

Jekk jogħġbok aqleg wara għall-parti tal-**Kultura...**

## **Il-Kultura:** Xogħlijiet, Snajja' u Professjonijiet

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

Xogħlijiet





1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Kull xogħol għandu is-sabiħ tiegħu. X'taħseb?
3. Għaliex kien hemm aktar tbatija fl-imgħoddi?

**IL-BORD TAL-EŻAMIJIET**
**GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA U TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**APRIL 2012**

**30** **Għall-użu tal-Kandidati** **19 ta' April 2012**

Nota: Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur iridu jaqraw is-silta li tingħatalhom kollha kemm hi, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq l-istampa/i. Imbagħad quddiem l-eżaminatur jintalbu jaqraw jgħajtu s-silta kollha. Wara l-kandidati jirrispondu dak li jintalab minnhom. Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet. L-eżaminatur li jmexxi l-Oral jiġbor il-karta mingħand l-istudent qabel ma joħroġ mill-kamra tal-eżami.

**1. SILTA GĦALL-QARI**

**L-istudenti jaqraw is-silta li għandhom quddiemhom u jwieġbu l-mistoqsija b'Malti mitkellem tajjeb.**

## Il-Kotba

Fl-ewwel nofs tas-seklu 20 it-tfal kienu jingħataw qari tal-kbar li kien tajjeb għalihom għax kienu jarawhom adulti żgħar, ħlejjaq li l-missjoni waħdanija tagħhom kienet il-maturità skont kif jifhmuha l-kbar. Fit-tieni nofs tas-seklu 20, wara l-Indipendenza meta l-Malti beda jlaħħaq aktar mal-progress tas-seklu 20, id-dehra tat-tfal bdiet tinbidel minħabba li faqqas l-għarfien li t-tfal kellhom il-bżonnijiet speċjali tagħhom. Fis-sebgħinijiet il-kittieba żgħażagħ ippreżentaw tfal realistiċi fi stejjer ta' fantasija u avventura. U ma' dawn nibet il-ħsieb li ħoloq ħlejjaq ta' ħlewwa l-ġmiel tagħhom. Gerbu s-snin u fid-disgħinijiet it-tfal fl-istejjer baqgħu konvinċenti u naturali imma f'dinja ta' fantasija.

Il-kotba huma komponent essenzjali mill-identità kulturali għax qegħdin jitqiesu aktar minn sempliċiment mezz li jwassal il-ferħ tal-qari lit-tfal. Ġieli jitqiesu bħala mod konvenjenti kif jgħallmuhom għax jgħallmuhom b'mod pożittiv dwar il-problemi taż-żmien u ta' pajjiżna. Minħabba f'hekk, il-letteratura tat-tfal qiegħda ġġorr piż kbir hi u turi l-klima taż-żmien u l-post biex tirrifletti s-soċjetà li ħolqitha.

## Il-Mistoqsija

Agħti fi kliemek il-ħsieb ewlieni ta' din is-silta b'Malti mitkellem tajjeb.

**2. GĦARFIEN KULTURALI**

**L-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet kemm dwar il-lingwa u kemm dwar il-kultura.**

**Il-Lingwa:** a) Il-kelma "żgħażagħ" hija ta' nisel (Semitiku, Romanz, Ingliż): agħżel it-tajba.

b) Għaliex tajjeb nitgħallmu l-lingwi barranin?

Jekk jogħġbok aqleg wara ghall-parti tal-**Kultura...**

## **Il-Kultura:** Passatempi u Logħob

Ħares lejn dawn l-istampi biex titkellem fuqhom. It-tliet mistoqsijiet ta' taħt jistgħu jgħinuk fl-ideat tiegħek.

### Passatempi






1. Iddeskrivi u qabbel dak li qed tara fl-istampi.
2. Għaliex it-tfal kienu jilagħbu aktar fit-toroq fl-imgħoddi?
3. X'vantaġġ/i għandu passatemp bħat-tfaddil tal-bolli?

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2012

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II A |
| DATA: | 12 ta' Mejju 2012 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m. |

Wieġeb **erba'** mistoqsijiet:

- **Tnejn** mill-Ewwel Taqsima – *Ir-Referenza għall-Kuntest* – (waħda poeżija minn 1 u 2, u waħda proża minn 3 u 4).

U

- **Tnejn** mit-Tieni Taqsima – *Il-Komponiment Letterarju* – (komponiment wieħed minn kull sezzjoni ta' din it-taqsima).

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

# L-EWWEL TAQSIMA
## Taqsima Poeżija
## Ir-Referenza għall-Kuntest
## Tema: *Ir-Protesta*

**Agħżel WAĦDA minn poeżija 1 jew poeżija 2.**

**1. Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:** 15-il marka

***Iż-Żabra,*** Victor Fenech

Is-siġra tal-misraħ sal-bieraħ kienet tfakkarni fir-riti antiki tal-mara fertili qed tongħos ħedlija fuq ħaġra godlija. Tfakkarni f'disinji ta' dell u ta' dija, ta' lwien fantasija. Tbenninni ġo nieqa ta' frieghi u friegħ, twennisni ġo wejla ta' wens u mistrieħ…

Imbagħad ġewwa l-misraħ ilbieraħ, bi srieraq u slielem armati, ġew erba' pirati. U dritt marru ħdejha u lbiesha ċarrtulha/qaċċtulha idejha, u xagħarha minn rasha, sa waslu sa ngħasha. U s-siġra la tniffset, protesta la lissnet la karba t'uġigħ.

U telqu l-pirati bis-srieraq u s-slielem. U s-siġra sserrata ħallewha waħedha titniehed fl-ispazju ta' misraħ li krieh. U ġew filgħaxija l-għasafar u stagħġbu b'dil-ħerba qatigħ, u wħud minnhom bkew. U telqu ħosbiena fuq ġwienaħ iċ-ċomb f'kenn ieħor ifittxu dil-ħerba jinsew. U ruħi, tithenna mdorrija b'għanjiethom mis-siġra kennija, ħassejtha sseħibhom f'titjir(a)gunija.

U baqa' ġo moħħi l-lejl kollu, bla frieghi bla weraq bla tjur u bla kenn, zokk oħxon ġo misraħ iqattar id-demm.

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din il-poeżija. 4 marki

b. L-isem tal-poeżija huwa ironiku. Għid għaliex. 2 marki

ċ. (i) Sib u ikteb metafora li nsibu fil-poeżija? marka
(ii) X'effett joħloq il-poeta b'din il-metafora? 2 marki

d. (i) X'tissejjaħ din it-tip ta' poeżija? marka
(ii) Fisser għaliex tissejjaħ hekk. 2 marki

e. Semmi mill-inqas tliet effetti li ħalliet warajha din iż-żabra. 3 marki

**JEW**

**2. Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:** 15-il marka

***Jum Ir-Rebħ***, Rużar Briffa

U l-kotra qamet f'daqqa - u għajtet: "Jien Maltija!
Miskin min ikasbarni, - miskin min jidħak bija!"

U l-kotra għanniet f'daqqa - u semmgħet mal-irjieħ
L-Innu ta' Malta tagħna, - u l-leħen kien rebbieħ

Fuq ngħas l-imgħoddi ġwejjef, - in-ngħas tal-apatija,
Xħin ruħna kienet rieqda - ġo sodda barranija;

U l-ombra ta' Vassalli - qamet minn qiegħ il-qabar,
U għajtet: "Issa fl-aħħar - jien se nsib is-sabar."

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din il-poeżija. 3 marki

b. *"Xħin ruħna kienet rieqda - ġo sodda barranija."*
   (i) X'inhi l-figura tat-taħdit li qed juża l-poeta f'dan il-vers? marka
   (ii) X'effett joħloq il-poeta b'din il-figura tat-taħdit? 2 marki

ċ. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta f'din il-poeżija. 3 marki

d. (i) Min qiegħed jipprotesta f'din il-poeżija? marka
   (ii) Kontra xiex qiegħed jipprotesta? 2 marki

e. (i) It-ton tal-poeta huwa wieħed ta' rabja jew ċelebrattiv? marka
   (ii) Għid għaliex. 2 marki

**Taqsima Proża**
**Ir-Referenza għall-Kuntest**
**Tema: *Il-Protesta***

**Agħżel WAĦDA mis-silta ta' proża 3 jew mis-silta ta' proża 4:**

**3. Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:** 15-il marka

(Silta minn) ***Ir-Raba' ta' Samwel,*** Frans Sammut

[ …. ]

Iżda issa r-razzett tal-ġar kien għadu mimli ħajja biż-żiemel rasu mifruxa fuq ix-xatba baxxa tal-maqjel, bil-wiżż u t-tiġieġ jiġru 'l hawn u 'l hinn, bil-kelb tal-kaċċa jissajja jilmaħ xi ġurdien li jazzarda jfiġġ fil-beraħ, bil-fniek jgħollu u jniżżlu mneħirhom donnhom jitkabbru mill-għażla tal-ikel mifrux ħdejn riġlejhom, u Beneditt, Noè bla leħja, jieħu gost bid-dgħajsa tiegħu li rikbet il-mewġ tal-ħajja, u baqgħet tgħum fil-wiċċ.

F'daqqa waħda Samwel ħassu battal wisq. X'kienet ix-xi ħaġa li kienet timlieh u issa, ħabta u sabta ntemmet u ħallietu? Tgħid kien il-ħsieb li baqa' ma wettaqx?

Reġa' qiegħed rasu bejn idejh. Le, le, kien waqt wieħed biss. X'jiġifieri battal? Mhu battal xejn. Min hu mimli fid-dinja? Beneditt jewwilla? Dak Beneditt mingħul wisq. Dak il-wiċċ lewn il-ħamrija ma setax iġerrgħu.

Dar f'daqqa u resaq lejn it-tina xiħa, monument tal-imgħoddi glorjuż tar-razzett. Mill-kotra tas-siġar sbieħ, hi u sħabha tal-qatgħa tagħha biss kienu baqgħu jgħixu biex jgħidu ġrajjiethom.

Iz-zkuk xirfin tagħha kienu mxarrbin bin-nida u bl-umdità tal-għodwa li r-riħ kien għadu ma neħħiex. Dit-tina għalxiex tiswa? Għax ma jaħraqhiex ħa ma jismax iktar ġrajjiet ta' diqa mingħandha?

Imma jekk jaħraq lilha għax ma jaħraqx lil sħabha wkoll? Jista' jibda ħabel ħabel u fi żmien siegħa jaħraq il-fdalijiet kollha tal-wirt kollu ta' missirijietu. Tkun festa ta' ħruq, ħuġġieġa waħda ta' tisfija, tindifa sħiħa tal-ħwejjeġ żejda li baqgħu wara żmienhom u m'għarfux jintemmu meta waslet sigħethom.

Wara kollox għad jasal jum meta l-għelieqi tiegħu u r-raba' ta' Beneditt ikunu midfen wieħed bil-ħamrija mballta mqaxqxa, imtektka 'l hawn u 'l hinn bl-irjus u l-ixdqa tal-bhejjem li ma difinhom ħadd.

[ …. ]

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din is-silta. 3 marki

b. Orbot dak li naqraw f'din is-silta ma' dak li jingħad fil-kumplament tas-silta li nsibu fil-ktieb *Qawsalla.* 3 marki

ċ. *"...u Beneditt, ..., jieħu gost bid-dgħajsa tiegħu li rikbet il-mewġ tal-ħajja..."*
   (i) X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu f'din is-sentenza? marka
   (ii) Fisser din il-figura tat-taħdit. 2 marka

d. Fisser għaliex l-awtur isejjaħ il-ħruq tas-siġar bħala *"...tisfija, tindifa..."* 3 marki

e. Għid għaliex taħseb li din is-silta għandha tagħmel sehem mit-tema IL-PROTESTA. 3 marki

**JEW**

**4. Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:** 15-il marka

(Silta minn) ***Ir-Ribelli***, J. J. Camilleri

[ …. ]

F'San Rokku l-missirijiet u l-ommijiet kienu għadhom jindaħlu ħafna meta jasal il-waqt li l-ulied jagħżlu l-istat tagħhom. L-għarus jew l-għarusa kienu jridu l-ewwel nett jogħġbu lilhom għax inkella ma kinux jagħtu l-kunsens u l-barka tagħhom. Min jaf kemm żwiġijiet ħassru l-ġenituri f'San Rokku. Il-ġenituri kienu jżommu dan l-indħil bħala dmir tagħhom għax iż-żgħażagħ mogħmija bl-imħabba ma kinux jistgħu jaraw sewwa d-difetti ta' xulxin, il-mankamenti fir-razza u kumplikazzjonijiet oħra. Ma kinux għalhekk jafu x'inhu l-aħjar għalihom; kien imiss lill-ġenituri li aktar jiddeċiedu għalihom milli jagħtuhom parir. Il-biċċa l-kbira tal-ulied kienu jaċċettawh dan l-indħil iżda r-ribelli ma naqsu qatt. Ikun hemm min li minkejja kull oppożizzjoni jagħmel fattih u jiddeċiedi hu! Xi ġenituri meta jaraw li l-insistenza tagħhom ma swiet xejn, imorru pass lura u bl-għaqal kollu jċedu, oħrajn iwebbsu rashom u meta ġebel jaħbat ma' ġebel taf x'jiġri. It-taqtigħa tispiċċa billi l-għarus iħarrab 'l-għarusa, jiżżewġu bil-moħbi u b'inkejja ta' kulħadd jorqdu flimkien. Għall-magħmul m'hemmx kunsill. Il-burraxka mbagħad tgħaddi, il-miżżewġin friski ma jdumux ma jerġgħu jidhru fir-raħal. Il-ġenituri jidħlu f'qoxrithom u jirtiraw, iżda x'aktarx l-inkwiet biż-żmien jintesa u l-kwistjoni tirranġa weħidha. Dawn l-inċidenti, għad li ma kinux jiġru sikwit, kienu ndraw u n-nies tar-raħal kienu jaċċettawhom.

Iżda l-biċċa ta' Jumi u Petriga ma setgħetx tirranġa; l-iskandlu kien ser jibqa'. Jumi sfida lil missieru, lil ommu u lir-raħal kollu. Minn Petriga wieħed stenna kollox. Mhix mara tar-raħal li tħammar wiċċha bil-mistħija u tħalli min iħarrabha għall-bżonn. Din mara tħalli darha u ħwejjiġha warajha u taħrab 'il bogħod ma' raġel b'kapriċċ u b'ħażen! Issa li telqet b'dan il-mod, San Rokku ma jerġax jilqagħha lura! Jista' jibdielha u jisgħobbiha kemm trid, ir-raħal m'għandux post aktar għaliha! Issa l-irġiel jitilgħu mal-mursalli fuq il-bejt u jsoddu bl-ixkejjer il-katusi tal-ilma. L-ilma tax-xita jistagħdar fuq il-bejt, ix-xorok jixxaqqu, it-travi jitmermru, is-saqaf ma jdumx ma jċedi u jiġġarraf! Borġ ġebel hu monument xieraq biex jibqa' jfakkarha!

[ …. ]

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din is-silta. 4 marki

b. *"San Rokku ma jerġax jilqagħha lura!"*
   (i) X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu f'din is-sentenza? marka
   (ii) Fisser l-effett li joħloq l-awtur b'din il-figura tat-taħdit. 2 marki

ċ. Fl-ewwel paragrafu l-awtur jagħmel distinzjoni bejn *"indħil"* u *"pariri"* tal-ġenituri. Fisser din id-differenza. 2 marki

d. X'effett joħloq l-awtur bil-kelma *"monument"* li nsibu fl-aħħar sentenza tas-silta?

3 marki

e. Għid għaliex din is-silta għandha tagħmel sehem mit-tema IL-PROTESTA. 3 marki

## IT-TIENI TAQSIMA
## Il-Komponiment Letterarju

35 marka kull waħda

**Ikteb komponiment letterarju ta' madwar <u>400 kelma</u> fuq Tema minn Sezzjoni A u ieħor fuq Tema minn Sezzjoni B.**

**Sezzjoni A:**

**5a Tema: Tifkiriet**

Meta l-poeti u l-prożaturi jiftakru fil-passat tagħhom, ħafna drabi dawn it-tifkiriet ikunu sbieħ, imma xi drabi l-ferħ jinbidel f'niket għal diversi raġunijiet. Ikteb dwar dan skont dak li studjajt fit-tema TIFKIRIET.

**JEW**

**5b. Tema: Ir-Rispett fil-Familja**

Ir-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u l-ulied kultant huma pożittivi u kultant le. Minn dak li studjajt fit-tema IR-RISPETT FIL-FAMILJA kemm taħseb li dan huwa minnu?

**Sezzjoni B:**

**6a. Tema: Karattri**

Bniedem jista' jkollu karattru umli, ambizzjuż, bieżel, dħuli jew rasu iebsa. Ikteb dwar il-persuni li ltqajt magħhom fil-poeżiji u siltiet ta' proża fit-tema KARATTRI li juru xi wħud minn dawn il-karatteristiċi.

**JEW**

**6b. Tema: Ġrajja u Identità**

Għalkemm il-poplu Malti kien dejjem maħkum mill-barrani, dejjem iddefenda lil pajjiżu u lil dak li jemmen fih. Ikteb kif jidher dan fil-poeżiji u siltiet ta' proża li studjajt fit-tema ĠRAJJA U IDENTITÀ.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI MEJJU 2012

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II B |
| DATA: | 12 ta' Mejju 2012 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m. |

Wieġeb **erba'** mistoqsijiet:

- **Tnejn** mill-Ewwel Taqsima – *Ir-Referenza għall-Kuntest* – (waħda poeżija minn 1 u 2, u waħda proża minn 3 u 4).

U

- **Tnejn** mit-Tieni Taqsima – *Il-Komponiment Letterarju* – (komponiment wieħed minn kull sezzjoni ta' din it-taqsima).

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA**
**Taqsima Poeżija**
**Ir-Referenza għall-Kuntest**
**Tema:** ***Ir-Protesta***

**Agħżel WAĦDA minn poeżija 1 jew poeżija 2.**

**1. Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:** 15-il marka

***Iż-Żabra***, Victor Fenech

Is-siġra tal-misraħ sal-bieraħ kienet tfakkarni fir-riti antiki tal-mara fertili qed tongħos ħedlija fuq ħaġra godlija. Tfakkarni f'disinji ta' dell u ta' dija, ta' lwien fantasija. Tbenninni ġo nieqa ta' friegħi u friegħ, twennisni ġo wejla ta' wens u mistrieħ…

Imbagħad ġewwa l-misraħ ilbieraħ, bi srieraq u slielem armati, ġew erba' pirati. U dritt marru ħdejha u lbiesha ċarrtulha/qaċċtulha idejha, u xagħarha minn rasha, sa waslu sa ngħasha. U s-siġra la tniffset, protesta la lissnet la karba t'uġigħ.

U telqu l-pirati bis-srieraq u s-slielem. U s-siġra sserrata ħallewha waħedha titniehed fl-ispazju ta' misraħ li krieh. U ġew filgħaxija l-għasafar u stagħġbu b'dil-ħerba qatigħ, u wħud minnhom bkew. U telqu ħosbiena fuq ġwienaħ iċ-ċomb f'kenn ieħor ifittxu dil-ħerba jinsew. U ruħi, tithenna mdorrija b'għanjiethom mis-siġra kennija, ħassejtha sseħibhom f'titjir(a)gunija.

U baqa' ġo moħħi l-lejl kollu, bla frieghi bla weraq bla tjur u bla kenn, zokk oħxon ġo misraħ iqattar id-demm.

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din il-poeżija. 4 marki

b. (i) Ma' xiex il-poeta qiegħed iqabbel lis-siġra fl-ewwel sentenza? marka
(ii) X'effett joħloq b'dan ix-xebh? 2 marki

ċ. (i) X'tissejjaħ din it-tip ta' poeżija? marka
(ii) Fisser għaliex tissejjaħ hekk. 3 marki

d. Agħti żewġ raġunijiet għaliex din il-poeżija għandha tagħmel sehem mit-tema IL-PROTESTA. 4 marki

**JEW**

**2. Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:** 15-il marka

***Jum Ir-Rebħ***, Rużar Briffa

U l-kotra qamet f'daqqa - u għajtet: "Jien Maltija!
Miskin min ikasbarni, - miskin min jidħak bija!"

U l-kotra għanniet f'daqqa - u semmgħet mal-irjieħ
L-Innu ta' Malta tagħna, - u l-leħen kien rebbieħ

Fuq ngħas l-imgħoddi ġwejjef, - in-ngħas tal-apatija,
Xħin ruħna kienet rieqda - ġo sodda barranija;

U l-ombra ta' Vassalli - qamet minn qiegħ il-qabar,
U għajtet: "Issa fl-aħħar - jien se nsib is-sabar."

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din il-poeżija. 3 marki

b. *"...ngħas l-imgħoddi ġwejjef – in-ngħas tal-apatija."*
   (i) X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fil-kelma *"ngħas"*? marka
   (ii) X'effett joħloq il-poeta b'din il-figura tat-taħdit? 2 marki

ċ. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta f'din il-poeżija. 3 marki

d. Għid għal liema raġunijiet din il-poeżija għandha tagħmel sehem mit-tema IL-PROTESTA. 3 marki

e. Għaliex, kif jgħid il-poeta fl-aħħar tal-poeżija, Vassalli jgħid *"...jien se nsib is-sabar"*? 3 marki

**Taqsima Proża**
**Ir-Referenza għall-Kuntest:**
**Tema: *Il-Protesta***

**Agħżel WAĦDA mis-silta ta' proża 3 jew mis-silta ta' proża 4:**

**3. Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:** 15-il marka

(Silta minn) ***Ir-Raba' ta' Samwel,*** Frans Sammut

[ …. ]

Iżda issa r-razzett tal-ġar kien għadu mimli ħajja biż-żiemel rasu mifruxa fuq ix-xatba baxxa tal-maqjel, bil-wiżż u t-tiġieġ jiġru 'l hawn u 'l hinn, bil-kelb tal-kaċċa jissajja jilmaħ xi ġurdien li jazzarda jfiġġ fil-beraħ, bil-fniek jgħollu u jniżżlu mneħirhom donnhom jitkabbru mill-għażla tal-ikel mifrux ħdejn riġlejhom, u Beneditt, Noè bla leħja, jieħu gost bid-dgħajsa tiegħu li rikbet il-mewġ tal-ħajja, u baqgħet tgħum fil-wiċċ.

F'daqqa waħda Samwel ħassu battal wisq. X'kienet ix-xi ħaġa li kienet timlieh u issa, ħabta u sabta ntemmet u ħallietu? Tgħid kien il-ħsieb li baqa' ma wettaqx?

Reġa' qiegħed rasu bejn idejh. Le, le, kien waqt wieħed biss. X'jiġifieri battal? Mhu battal xejn. Min hu mimli fid-dinja? Beneditt jewwilla? Dak Beneditt mingħul wisq. Dak il-wiċċ lewn il-ħamrija ma setax iġerrgħu.

Dar f'daqqa u resaq lejn it-tina xiħa, monument tal-imgħoddi glorjuż tar-razzett. Mill-kotra tas-siġar sbieħ, hi u sħabha tal-qatgħa tagħha biss kienu baqgħu jgħixu biex jgħidu ġrajjiethom.

Iz-zkuk xirfin tagħha kienu mxarrbin bin-nida u bl-umdità tal-għodwa li r-riħ kien għadu ma neħħiex. Dit-tina għalxiex tiswa? Għax ma jaħraqhiex ħa ma jismax iktar ġrajjiet ta' diqa mingħandha?

Imma jekk jaħraq lilha għax ma jaħraqx lil sħabha wkoll? Jista' jibda ħabel ħabel u fi żmien siegħa jaħraq il-fdalijiet kollha tal-wirt kollu ta' missirijietu. Tkun festa ta' ħruq, ħuġġieġa waħda ta' tisfija, tindifa sħiħa tal-ħwejjeġ żejda li baqgħu wara żmienhom u m'għarfux jintemmu meta waslet sigħethom.

Wara kollox għad jasal jum meta l-għelieqi tiegħu u r-raba' ta' Beneditt ikunu midfen wieħed bil-ħamrija mballta mqaxqxa, imtektka 'l hawn u 'l hinn bl-irjus u l-ixdqa tal-bhejjem li ma difinhom ħadd.

[ …. ]

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din is-silta. 4 marki

b. Għaliex Samwel isejjaħ lil Beneditt *"...Noè bla leħja..."* fl-ewwel paragrafu tas-silta? 2 marki

ċ. (i) X'kuntrast qed jara Samwel bejn ir-razzett tiegħu u ta' Beneditt? 2 marki
(ii) X'kienet il-konsolazzjoni li ħass Samwel dwar ir-razzett ta' Beneditt? 2 marki

d. Xi jrid jifhem Samwel meta jgħid li *"...ħassu battal..."* fit-tieni paragrafu. 3 marki

e. Kontra min qed jipprotesta Samwel f'din is-silta? 2 marki

**4. Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:** 15-il marka

**JEW**

(Silta minn) ***Ir-Ribelli***, J. J. Camilleri

[ …. ]

F'San Rokku l-missirijiet u l-ommijiet kienu għadhom jindaħlu ħafna meta jasal il-waqt li l-ulied jagħżlu l-istat tagħhom. L-għarus jew l-għarusa kienu jridu l-ewwel nett jogħġbu lilhom għax inkella ma kinux jagħtu l-kunsens u l-barka tagħhom. Min jaf kemm żwiġijiet ħassru l-ġenituri f'San Rokku. Il-ġenituri kienu jżommu dan l-indħil bħala dmir tagħhom għax iż-żgħażagħ mogħmija bl-imħabba ma kinux jistgħu jaraw sewwa d-difetti ta' xulxin, il-mankamenti fir-razza u kumplikazzjonijiet oħra. Ma kinux għalhekk jafu x'inhu l-aħjar għalihom; kien imiss lill-ġenituri li aktar jiddeċiedu għalihom milli jagħtuhom parir. Il-biċċa l-kbira tal-ulied kienu jaċċettawh dan l-indħil iżda r-ribelli ma naqsu qatt. Ikun hemm min li minkejja kull oppożizzjoni jagħmel fattih u jiddeċiedi hu! Xi ġenituri meta jaraw li l-insistenza tagħhom ma swiet xejn, imorru pass lura u bl-għaqal kollu jċedu, oħrajn iwebbsu rashom u meta ġebel jaħbat ma' ġebel taf x'jiġri. It-taqtigħa tispiċċa billi l-għarus iħarrab 'l-għarusa, jiżżewġu bil-moħbi u b'inkejja ta' kulħadd jorqdu flimkien. Għall-magħmul m'hemmx kunsill. Il-burraxka mbagħad tgħaddi, il-miżżewġin friski ma jdumux ma jerġgħu jidhru fir-raħal. Il-ġenituri jidħlu f'qoxrithom u jirtiraw, iżda x'aktarx l-inkwiet biż-żmien jintesa u l-kwistjoni tirranġa weħidha. Dawn l-inċidenti, għad li ma kinux jiġru sikwit, kienu ndraw u n-nies tar-raħal kienu jaċċettawhom.

Iżda l-biċċa ta' Jumi u Petriga ma setgħetx tirranġa; l-iskandlu kien ser jibqa'. Jumi sfida lil missieru, lil ommu u lir-raħal kollu. Minn Petriga wieħed stenna kollox. Mhix mara tar-raħal li tħammar wiċċha bil-mistħija u tħalli min iħarrabha għall-bżonn. Din mara tħalli darha u ħwejjiġha warajha u taħrab 'il bogħod ma' raġel b'kapriċċ u b'ħażen! Issa li telqet b'dan il-mod, San Rokku ma jerġax jilqagħha lura! Jista' jibdielha u jisgħobbiha kemm trid, ir-raħal m'għandux post aktar għaliha! Issa l-irġiel jitilgħu mal-mursalli fuq il-bejt u jsoddu bl-ixkejjer il-katusi tal-ilma. L-ilma tax-xita jistagħdar fuq il-bejt, ix-xorok jixxaqqu, it-travi jitmermru, is-saqaf ma jdumx ma jċedi u jiġġarraf! Borġ ġebel hu monument xieraq biex jibqa' jfakkarha!

[ …. ]

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din is-silta. 4 marki

b. Xi jfissru dawn il-frażijiet kif inhuma użati fis-silta? 4 marki
   (i) *"...jagħżlu l-istat tagħhom."*
   (ii) *"...imorru pass lura..."*
   (iii) *"Il-burraxka mbagħad tgħaddi..."*
   (iv) *"...ma jerġax jilqagħha lura."*

ċ. Din is-silta nsibuha fit-tema IL-PROTESTA. 3 marki
   (i) Min qed jipprotesta?
   (ii) Kontra min?
   (iii) Kontra xiex?

d. Xi nsiru nafu dwar il-karattru tan-nies ta' San Rokku minn dak li naqraw f'din is-silta? 4 marki

## IT-TIENI TAQSIMA:
## Il-Komponiment Letterarju

35 marka kull waħda

**Ikteb komponiment letterarju ta' madwar <u>200 kelma</u> fuq Tema minn Sezzjoni A u fuq Tema minn Sezzjoni B.**

**Sezzjoni A:**

**5a Tema: Tifkiriet**

Il-bniedem donnu jgħix bin-nostalġija tal-imgħoddi. Billi tirreferi għal mill-inqas żewġ poeżiji u/jew siltiet ta' proża għid jekk huwiex veru li l-kittieba Maltin li studjajt fit-tema TIFKIRIET jiftakru biss fil-passat sabiħ.

**JEW**

**5b. Tema: Ir-Rispett fil-Familja**

Billi tirreferi għal mill-inqas żewġ poeżiji u/jew siltiet ta' proża, fisser kif huwa muri r-rispett li jeżisti min-naħa tal-ġenituri lejn l-ulied, skont dak li studjajt fit-tema IR-RISPETT FIL-FAMILJA.

**Sezzjoni B:**

**6a. Tema: Karattri**

Agħżel żewġ karattri li ltqajt magħhom fil-poeżiji jew siltiet ta' proża differenti li studjajt fit-tema KARATTRI u għid għaliex tħoss li l-karattru tagħhom jimbuttak.

**JEW**

**6b. Tema: Ġrajja u Identità**

L-ilsien, l-imħabba lejn il-pajjiż u l-fidi huma tliet elementi importanti tal-identità tal-poplu Malti. Ikteb dwar dawn il-karatteristiċi billi tirreferi għal mill-inqas żewġ poeżiji u/jew siltiet ta' proża li studjajt fit-tema ĠRAJJA U IDENTITÀ.